IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.5.2016
COM(2016) 270 final

2016/0133 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-UE qed taħdem lejn approċċ aktar sostenibbli għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, kemm għall-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali kif ukoll għal dawk li jiċċaqilqu għal raġunijiet oħra. L-approċċ għandu l-għan li ttemm il-movimenti irregolari u perikolużi u wkoll itemm il-mudell operazzjonali tal-kuntrabandisti u li jibdilhom ma' mezzi sikuri u legali għall-UE għal dawk li jkunu jeħtieġu protezzjoni. Protezzjoni fir-reġjun u risistemazzjoni minn hemm lejn fl-UE għandhom isiru l-mudell tal-ġejjieni, u dan jaqdi l-aħjar l-interessi u s-sigurtà tar-refuġjati.

Madankollu għadu probabbli li fil-perjodu qasir u medju n-nies se jibqgħu jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE. Dawk li ma jitolbux protezzjoni internazzjonali għandhom jintbagħtu lura. Dawk li jitolbu l-ażil għandu jkollhom it-talba tagħhom ipproċessata b'mod effiċjenti u matul dak il-proċess għandhom jiġu żgurati b'faċilitajiet ta' akkoljenza u appoġġ deċenti fl-Istat Membru responsabbli biex tittratta l-applikazzjonijiet tagħhom, u lil hinn hekk jekk jinstab li t-talbiet tagħhom mhuma ġġustifikati.

L-esperjenza reċenti wriet madankollu li wasliet fuq skala kbira mhux ikkontrollati jpoġġu pressjoni eċċessiva fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri u dan wassal biex ir-regoli ġew injorati dejjem aktar. Dan issa beda jiġi indirizzat bil-ħsieb li jerġa' jikseb il-kontroll ta' din is-sitwazzjoni attwali billi jiġu applikati r-regoli attwali dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-ażil ta' Schengen, kif ukoll permezz ta' aktar kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ewlenin, b'mod partikolari mat-Turkija. Madankollu s-sitwazzjoni kixfet aktar dgħufijiet fundamentali fit-tfassil tar-regoli tagħna dwar l-ażil li jimminaw l-effettività tagħhom u ma jiżgurawx b'mod sostenibbli tal-qsim tar-responsabbiltà, li issa jeħtieġu li jiġu indirizzati.

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni stipulat il-prijoritajiet tagħha għat-titjib tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) fil-Komunikazzjoni tagħha "Għar-Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni Tal-Ażil u Għat-Tisħiħ ta' Rotot Legali Lejn l-Ewropa"[1]. Il-Kummissjoni ħabbret li se taħdem b'mod progressiv sabiex tirriforma l-qafas eżistenti tal-Unjoni dwar l-ażil, biex tistabbilixxi sistema sostenibbli u ġusta biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil, issaħħaħ is-sistema EURODAC, tinkiseb konverġenza akbar fis-sistema tal-ażil, jiġu evitati movimenti sekondarji, u tistabbilixxi mandat akbar għall-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO). Il-ħtieġa għal riforma ġiet rikonoxxuta fil-wisgħa, inkluż mill-Parlament Ewropew[2] u mill-Kunsill Ewropew[3].

Din il-proposta dwar ir-riforma tar-Regolament Dublin III hija parti mill-ewwel sottomissjoni ta' proposti leġislattivi li se jikkostitwixxu riforma maġġuri tas-SEKA. Dan il-pakkett jinkludi wkoll proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac u proposta għall-istabbiliment ta' Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. Il-proposta tal-Eurodac tinkludi l-bidliet neċessarji biex is-sistema tiġi tadattata għar-regoli proposti ta' Dublin, b'konformità mal-

---

[1] COM(2016) 197 finali.

[2] Ara pereżempju r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni (2015/2095(INI)); tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa (2015/2833(RSP).

[3] EUCO 19.02.2016, SN 16/16

objettiv primarju tagħha fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta’ Dublin. Il-Eurodac għandha wkoll issir il-bażi ta’ dejta għal skopijiet usa’ fl-immigrazzjoni billi tiffaċilita r-ritorn u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari.

Il-proposta għal Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha l-għan li ttejjeb l-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-SEKA billi tibni fuq il-ħidma tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Ażil u tkompli tiżviluppaha f'Aġenzija li tkun responsabbli biex tiffaċilita t-tħaddim tas-SEKA, biex tkun żgurata l-konverġenza fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni kollha u għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tal-liġi tal-Unjoni.

It-tieni stadju ta’ proposti leġiżlattivi għar-riforma tad-Direttivi tal-Proċeduri u l-Kwalifika għall-Ażil, kif ukoll id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta’ Akkoljenza ser isegwu, biex tiġi żgurata riforma sħiħa tal-partijiet kollha tas-sistema tal-ażil tal-UE, inkluż biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-mekkaniżmu ta’ Dublin b’abbużi u shopping għall-ażil mill-applikanti għal u/jew mill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. B’mod partikolari, il-proċeduri tal-ażil se jkollhom jitħaffu u jsiru aktar konverġenti, hemm bżonn ta’ regoli iktar uniformi għall-proċeduri u d-drittijiet li jiġu offruti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza jridu jiġu adattati, biex tiżdied kemm jista’ jkun l-armonizzazzjoni bejn fl-Istati Membri.

Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta’ April, il-kriżi migratorja u tar-rifuġjati kixfet dgħufijiet strutturali sinifikanti u nuqqasijiet fid-disinn u fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-Ażil Ewropea u tar-regoli ta’ Dublin b’mod partikolari. Is-sistema attwali ta’ Dublin ma kinitx imfassla biex jiġi żgurat li r-responsabilità għall-applikanti tinqasam b'mod sostenibbli mal-Unjoni kollha. Dan wassal għal sitwazzjonijiet fejn għadd limitat ta’ Stati Membri individwali kellhom jittrattaw il-biċċa l-kbira ta’ dawk li jfittxu l-ażil li jaslu fl-Unjoni, b'mod li l-kapaċitajiet tas-sistemi tagħhom tal-ażil jitqiegħdu taħt piż u dan iwassal għal xi ksur tar-regoli tal-UE. Barra minn hekk, l-effettività tas-sistema ta’ Dublin hija mhedda minn sett ta’ regoli kumplessi u kontestabbli dwar id-determinazzjoni tar-responsabbiltà kif ukoll minn proċeduri twal. B’mod partikolari, dan huwa l-każ tar-regoli attwali li jipprevedu t-trasferiment tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri wara ċertu żmien. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet ċari dwar l-obbligi kif ukoll dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità magħhom, is-sistema attwali hija ta' spiss suxxettibbli għal abbuż mill-applikanti.

L-objettivi tar-Regolament ta’ Dublin — li jiġi żgurat l-aċċess rapidu tal-applikanti għall-ażil għal proċedura tal-ażil u għal eżami tal-applikazzjoni fis-sustanza minn Stat Membru wieħed li jkun ġie stabbilit b'mod ċar — għadhom validi. Madankollu huwa ċar li s-sistema ta’ Dublin trid tiġi riformata, kemm biex tiġi ssimplifikata kif ukoll biex titjieb l-effikaċja tagħha fil-prattika u biex tkun kapaċi tittratta ma' sitwazzjonijiet fejn is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jkunu qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata.

Din il-proposta hija riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida (“ir-Regolament Dublin III”).

B’mod partikolari, din il-proposta għandha l-għan li:

- issaħħaħ il-kapaċità tas-sistema biex tiddetermina b'mod effiċjenti u effettiv Stat Membru wieħed responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, tneħħi l-klawsoli dwar it-tmiem tar-responsabbiltà u b'mod sinifikanti tnaqqas l-limiti ta' żmien biex jintbagħtu talbiet, tweġibiet u jitwettqu trasferimenti bejn l-Istati Membri;
- jiġi żgurat tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri billi tikkumplimenta s-sistema attwali b'mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva. Dan il-mekkaniżmu jiġi attivat b'mod awtomatiku f'każijiet fejn l-Istati Membri ikollhom jittrattaw għadd sproporzjonat ta' applikanti għall-ażil;
- jiskoraġġixxi l-abbużi u jevitata l-movimenti sekondarji tal-applikanti fl-UE, b'mod partikolari billi jinkludi obbligi ċari għall-applikanti li japplikaw fl-Istat Membru tal-ewwel dħul u jibqgħu fl-Istat Membru li jkun ġie ddeterminat li huwa responsabbli. Dan jirrikjedi wkoll konsegwenzi proċedurali u materjali proporzjonati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom.

Konsultazzjonijiet immirati mal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, inkluż fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tas-6 ta' April, kif ukoll mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (l-UNHCR) u mas-soċjetà ċivili kkonfermaw fehmiet diverġenti dwar in-natura u l-punt sa fejn għandu jiġi riformat ir-Regolament ta' Dublin[4]. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-argumenti li tressqu. Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-kriterji attwali fis-sistema ta' Dublin għandhom jiġu ppreservati, waqt li tissupplimentahom b'mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva biex isserraħ lill-Istati Membri li jkunu taħt pressjoni sproporzjonata. Fl-istess ħin, l-iskema l-ġdida ta' Dublin se tkun ibbażata fuq sistema ta' riferenza Ewropea mill-bidu tal-implimentazzjoni tagħha b'mekkaniżmu korrettiv ta' solidarjetà li jiskatta b'mod awtomatiku malli Stat Membru jġorr piż sproporzjonat.

Fl-istess waqt, ġew introdotti bidliet fundamentali oħra sabiex jiskoraġġixxu l-abbużi u jiġu evitati l-movimenti sekondarji tal-applikanti fl-UE.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Is-sistema ta' Dublin hija l-pedament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u tittratta d-determinazzjoni ta' liema Stat Membru huwa responsabbli għal talba għall-ażil. Hija topera permezz ta' strumenti legali u ta' politika fil-qasam tal-ażil, b'mod partikolari l-proċeduri tal-ażil, standards għall-kwalifika ta' individwi għal protezzjoni internazzjonali, u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, kif ukoll ta' rilokazzjoni u ta' risistemazzjoni.

Il-progress qed jiġi ostakolat mill-fatt li r-rekord tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE fil-qasam tal-ażil huwa fqir. L-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa u rapida mill-Istati Membri tal-liġi tal-UE huwa prijorità. B'mod partikolari, matul dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni kienet qed taħdem mal-awtoritajiet Griegi sabiex tipprijoritizza n-normalizzazzjoni tas-sitwazzjoni minn meta ġew sospiżi t-trasferimenti skont Dublin fl-2010. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni indirizzat Rakkomandazzjoni lill-Greċja fl-10 ta' Frar 2016[5] dwar il-miżuri urġenti li għandhom jittieħdu mill-Greċja fid-dawl li jerġgħu jibdew it-trasferimenti skont Dublin.

---

4 Ara hawn taħt fi 3.4, "Konsultazzjoni tal-partijiet konċernati"

5 C(2016) 871 finali

Din il-proposta hija parti minn pakkett li jinkludi proposti ta' riforma ta' elementi oħra tas-sistema ta' Dublin, li se jiżguraw il-konsistenza tad-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam ta' politika. Il-proposta għal riforma tar-Regolament Eurodac tinkludi l-bidliet neċessarji biex jirriflettu dawk proposti fir-Regolament ta' Dublin u biex igħinu biex tiġi kkontrollata aħjar il-migrazzjoni irregolari. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li tistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tappoġġa l-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluż il-mekkaniżmu revedut ta' Dublin.

B'reazzjoni għas-sitwazzjoni tal-kriżi fil-Greċja u fl-Italja, f'Settembru 2015 il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni[6], li se jiġu applikati sa Settembru 2017. Din kienet reazzjoni temporanja, *ad hoc* u ta' emerġenza għas-sitwazzjoni f'dawn iż-żewġ Stati Membri li esperjenzaw flussi bla preċedent ta' migranti u li kellhom jingħataw ftit għajnuna billi r-responsabbiltà għal ċerti applikanti għall-ażil mill-Italja u mill-Greċja ġiet ittrasferita lil Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni rrappurtat darbtejn dwar l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet[7].

Bil-ħsieb li titfassal soluzzjoni strutturali biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn, il-Kummissjoni pproponiet mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi f'Settembru 2015[8]. Ir-rilokazzjoni kien propost li tiġi attivata permezz ta' att delegat, li jiddetermina wkoll l-għadd ta' persuni li jiġu rilokati. Din il-proposta tintroduċi attivazzjoni awtomatika ta' mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva. Għalhekk għandha objettiv simili għal tal-proposta magħmula mill-Kummissjoni f'Settembru 2015 u skont ir-riżultati tad-diskussjonijiet dwar din il-proposta l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li tirtira l-proposta ta' Settembru.

Il-proposta tipprevedi wkoll regoli ġodda biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni ddepożitata minn minuri mhux akkumpanjat, jiġifieri li — fin-nuqqas ta' relazzjonijiet familjari — għandu jkun responsabbli l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni, sakemm dan ikunx mhux fl-aħjar interessi tal-minorenni. Din ir-regola tippermetti d-determinazzjoni rapida tal-Istat Membru responsabbli u għalhekk tippermetti aċċess rapidu għall-proċedura għal dan il-grupp vulnerabbli ta' applikanti, anke minħabba li limiti ta' żmien imqassra proposti. Peress li din ir-regola hija differenti minn dik proposta mill-Kummissjoni f'Ġunju 2014[9], il-Kummissjoni għandha l-ħsieb tirtira dik il-proposta, li s'issa ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim dwarha.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-linji ta' politika komprensivi fit-tul dwar ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni kif stipulata mill-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[10], li żviluppat il-Linji gwida Politiċi tal-President Juncker f'sett ta' inizjattivi koerenti u li jsaħħu lil xulxin ibbażat fuq erba' pilastri. Dawn il-pilastri jikkonsistu f'li jnaqqsu l-inċentiv għall-immigrazzjoni irregolari, l-iżgurar tal-fruntieri esterni u li jiġu salvati l-ħajjiet, politika b'saħħitha dwar l-ażil u politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali. Din il-proposta, li tkompli timplimenta l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam l-objettiv tat-tisħiħ tal-politika tal-ażil tal-Unjoni għandha titqies bħala parti minn politika usa' fil-livell tal-

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru
7 COM (2016)165 u COM (2016)222
8 COM (2015) 450
9 Com (2014) 382
10 COM(2015) 240

UE biex tinbena sistema robusta u effettiva għal ġestjoni tal-migrazzjoni sostenibbli għall-futur li tkun ġusta għas-soċjetajiet ospitanti u għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi konċernati u għall-pajjiżi tal-oriġini u tat-transitu.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta tfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, u għalhekk għandha tiġi adottata fuq l-istess bażi ġuridika, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, il-punt (e) tat-TFUE, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

- **Ġeometrija varjabbli**

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament 604/2013, wara n-notifika tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament abbażi tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE.

Skont Protokoll imsemmi hawn fuq, ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Huma għandhom ukoll din l-għażla wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessa mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom iridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin attwali, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali li hi kkonkludiet mal-KE fl-2006[11], hi għandha skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk hux se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tad-Danimarka skont l-arranġamenti stabbiliti f'din il-proposta għat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 se jiġu stabbiliti matul in-negozjati skont dawn il-Protokolli. Dawn il-Protokolli jippermettu b'mod partikolari lir-Renju Unit u lill-Irlanda, imma ma jeħtiġuhomx, li jagħżlu l-inizjattivi fil-qasam ta' politika ta' libertà, sigurtà u ġustizzja filwaqt li jirrispettaw l-operabbiltà tagħhom.

- **Impatt tal-proposta fuq pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin**

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' diversi pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-*acquis* ta' Schengen, l-Unjoni kkonkludiet bosta ftehimiet li jassoċjaw lil dawn il-pajjiżi mal-*acquis* ta' Dublin/Eurodac ukoll:

- il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001;
- il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008;
- il-protokoll li jassoċja lil-Liechtenstein, konkluż fis-7 ta' Marzu 2011.

Sabiex jinħolqu d-drittijiet u l-obbligi bejn id-Danimarka — li kif spjegat hawn fuq assoċjat ruħha mal-*acquis* ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali — u l-pajjiżi

[11] Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L66, 8.3.2006, p. 38)

assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn l-Unjoni u l-pajjiżi assoċjati[12].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew li jibni fuq l-*acquis* ta' Dublin (inkluż għalhekk din il-proposta) iżda jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien stabbilit dwar id-deċiżjoni tagħhom ta' jekk humiex se jaċċettaw jew le l-kontenut ta' dak l-att, ladarba jiġi approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Isvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac, il-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm il-Kumitat Kunġunt/Imħallat stabbilit mil-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

- **Sussidjarjetà**

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti setgħat dwar dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jkunu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Il-proposta tissimplifika u tikkumplimenta r-regoli attwali ta' Dublin b'mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva ġdid sabiex tidħol fis-seħħ sistema biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet meta s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jkunu qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata.

L-għan huwa li jinkiseb qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri billi jitnaqqas il-piż sproporzjonat minn fuq Stat Membru u dak il-piż jinqasam bejn l-Istati Membri li jifdal. Skont id-definizzjoni, dan ikun jeħtieġ azzjoni mill-UE. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' Dublin fi żminijiet ta' kriżi u li titratta l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri, kwistjonijiet li huma ta' natura transfruntiera. Huwa ċar li l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali ma jistgħux iwieġbu b'mod sodisfaċenti għall-ħtieġa għal approċċ komuni tal-UE għal problema komuni.

- **Proporzjonalità**

Fir-rigward ta' semplifikazzjoni tar-regoli ta' Dublin, il-bidliet proposti huma limitati għal dak li hu meħtieġ biex jippermetti l-operat effettiv tas-sistema, kemm fir-rigward ta' aċċess aktar rapidu l-applikanti għall-proċeduri tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u għall-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex japplikaw is-sistema.

Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva ġdid, ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 ma jipprevedix, fil-forma attwali tiegħu, għal għodda li jippermettu reazzjonijiet suffiċjenti f'sitwazzjonijiet ta' pressjonijiet sproporzjonati fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri. Id-dispożizzjonijiet dwar mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva li tintroduċi l-proposta jippruvaw jindirizzaw dan in-nuqqas. Dawn id-dispożizzjonijiet ma

[12] Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (konkluż fl-24.10.2008, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru, fl-Iżlanda u fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).

jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv.

- **L-għażla tal-istrument**

Peress li l-mekkaniżmu eżistenti ta' Dublin ġie stabbilit permezz ta' Regolament, qiegħed jintuża l-istess strument ġuridiku biex jiġi ssimplifikat u kkomplementat b'mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Regolament Dublin III u l-*acquis* eżistenti tal-ażil tal-UE, ħabbet l-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tar-Regolament fl-2016. F'konformità ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni kkummissjonat studji esterni dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin[13]. L-evalwazzjoni vvalutat l-effettività, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-konsistenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Regolament Dublin III. Hija analizzat il-punt sa fejn ir-Regolament indirizza l-objettivi tiegħu, il-ħtiġijiet ta' politika usa' tal-UE u l-ħtiġijiet tal-partijiet konċernati fil-mira[14]. Il-valutazzjoni kienet tinkludi studju fil-fond dwar l-implimentazzjoni prattika tar-Regolament Dublin III fl-Istati Membri[15]. Is-sejbiet ewlenin huma spjegati hawn taħt.

### 3.1. Ir-rilevanza tar-Regolament Dublin III

Is-sistema ta' Dublin hija l-pedament tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil u l-objettivi tagħha għadhom validi. Strument tal-UE li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmu biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni huwa essenzjali sakemm jeżistu fl-Unjoni sistemi nazzjonali separati tal-ażi. Mingħajr dan, l-Istati Membri jkollhom jiddependu fuq ftehimiet *ad hoc* bħal fiż-żminijiet ta' qabel Dublin u dan jagħmel id-determinazzjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri diffiċli ferm. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-ebda strument nazzjonali jew bilaterali ma jista' jipprovdi l-istess effett kumplessiv, u dan jista' jirriżulta f'falliment li jiġu indirizzati l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jaqgħu bejn ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Ġew espressi fehmiet imħalltin rigward l-impatt attwali tar-Regolament, li għandu żgura aċċess rapidu għall-

13 Evalwazzjoni u rapporti ta' implimentazzjoni disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/asylum/examination-of-applicants/index_en.htm.

14 L-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, analiżi kwantitattiva u konsultazzjonijiet ma' konsulenti legali/ta' politika f'total ta' 19-il Stat Membru (BE, BG, CH, CY, EL, FR, HR, HU, IT, LT, LV, MT, NL, NO, PL, RO, SE, SI, SK). Informazzjoni mit-12-il Stat Membru ieħor li jipparteċipaw fir-Regolament Dublin III ma waslitx fil-ħin biex tiġi inkluża fir-rapport.

15 Firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati ġew ikkonsultati, inkluż: Unitajiet ta' Dublin fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil, konsulenti legali/ta' politika, NGOs, avukati u rappreżentanti legali, awtoritajiet ta' appell u ta' rieżami, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, awtoritajiet ta' detenzjoni, applikanti u/jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. B'kollox saru 142 intervista. Iż-żjarat fuq il-post saru fi 15-il Stat Membru (AT, BE, DE, EL, FR, HU, LU, IT, MT, NL, NO, PL, SE, UK, CH), filwaqt li f'16 (BG, CY, CZ, DK, EE, ES, FI, HR, IE, LT, LV, PT, RO, SI, SK, li) saru intervisti bit-telefown.

proċeduri tal-ażil għall-applikant u jwassal għal strateġija fit-tul li tiskoraġġixxi applikazzjonijiet multipli. Barra minn hekk dan iżid l-effiċjenza tas-sistema tal-ażil billi jimpedixxi l-użu ħażin u b'hekk inaqqas l-ispejjeż kumplessivi.

### 3.2 Implimentazzjoni tar-Regolament

- **Ġenerali**

L-aktar problema sinifikanti enfasizzata fl-evalwazzjoni kienet in-nuqqas ta' implimentazzjoni konsistenti u korretta fost l-Istati Membri. Ġie konkluż ukoll li d-disinn tar-Regolament Dublin III kellu għadd ta' nuqqasijiet li jagħmluha aktar diffiċli li jinkisbu l-objettivi ewlenin tiegħu. Il-ġerarkija tal-kriterji kif stipulata fir-Regolament Dublin III ma tqisx il-kapaċità tal-Istati Membri u lanqas ma timmira lejn bilanċ tal-isforzi. Il-metodu tal-allokazzjoni tar-responsabbiltà jdewwem l-aċċess għall-proċedura tal-ażil. Taħt is-sistema attwali, l-applikanti jistgħu jdum jistennew sa 10 xhur (fil-każ ta' talbiet għal "teħid lura") jew 11-il xahar (fil-każ ta' talbiet għal "teħid ta' inkarigu"), qabel ma tibda l-proċedura tal-eżami tat-talba għal protezzjoni internazzjonali. Dan ifixkel l-għan ta' Dublin li jiġi żgurat li applikant ikollu aċċess rapidu għall-proċedura tal-ażil.

Barra minn hekk, deher biċ-ċar li r-Regolament Dublin III ma kienx imfassal biex jittratta ma' sitwazzjonijiet ta' pressjoni sproporzjonata. Ma jimmirax lejn l-objettiv ta' qsim ġust tar-responsabilità jew lejn li jindirizza t-tqassim sproporzjonat tal-applikanti bejn l-Istati Membri. Dawn il-fatturi saru partikolarment evidenti f'xi Stati Membri, li esperjenzaw diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-Regolament f'dan il-kuntest, fejn ir-reġistrazzjonijiet ta' dawk li qed ifittxu l-ażil mhux dejjem isiru, il-proċeduri jiddewmu u l-kapaċità interna ma tkunx suffiċjenti biex tlaħħaq mal-każijiet fil-pront.

- **Garanziji u salvagwardji proċedurali**

**L-informazzjoni** lill-applikant dwar il-proċedura ta' Dublin tvarja b'mod sinifikanti. Madwar nofs l-Istati Membri parteċipanti rrappurtaw li l-informazzjoni pprovduta tikkonsisti f'"informazzjoni ġenerali", li tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4(1). Barra minn hekk, il-konklużjonijiet jissuġġerixxu li f'għadd żgħir ta' Stati Membri l-informazzjoni lanqas biss tingħata u jekk tingħata tidher li hija antikwata.

L-**intervista personali** hija prattika standard meta tiġi stabbilita r-responsabbiltà fi kważi l-Istati Membri kollha, iżda n-nuqqas ta' kapaċità f'xi pajjiżi mgħobbija żżejjed ippreveniet lill-awtoritajiet kompetenti milli jwettqu intervisti b'mod regolari. Jekk ma jsirux intervisti, l-applikant ġeneralment jitħalla jissottometti l-informazzjoni f'forma oħra. Bosta Stati Membri rrapportaw li l-intervisti ġew ittardjati ħafna b'konsegwenza tal-influss għoli attwali.

L-interpretazzjoni ta' x'inhu **l-aħjar interess tat-tfal** hija diverġenti. Dan xi drabi wassal għal kwistjonijiet ta' komunikazzjoni u nuqqas ta' fiduċja bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, ġew identifikati problemi prattiċi fil-proċess tal-ħatra ta' rappreżentant għall-minorenni, b'mod partikolari b'konsegwenza tal-influss għoli attwali. Dan madankollu jikkostitwixxi problema usa' għall-implementazzjoni tal-proċedura tal-ażil.

- **Kriterji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u evidenza**

Il-kriterji l-aktar ta' spiss applikati bħala raġuni għat-trasferiment kienu dawk dwar id-dokumentazzjoni u d-dħul (l-Artikoli 12 u 13), u dan iwassal biex jitqiegħed sehem

sostanzjali mir-responsabbiltà fuq l-Istati Membri fil-fruntiera esterna. Dan wassal biex l-applikanti jevitaw li jitteħdulhom il-marki tas-swaba', u dan jikkontribwixxi għal movimenti sekondarji.

Bosta Stati Membri indikaw li l-interpretazzjonijiet ta' dak li huwa meqjus bħala evidenza aċċettabbli mill-awtoritajiet fil-pajjiż riċeventi titqiegħed oneru tal-prova mhux raġonevoli fuq il-pajjiż li jibgħat. L-Eurodac u s-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) huma aċċettati bħala prova minn kważi l-Istati Membri kollha, u huma l-provi l-aktar ta' spiss invokati meta tiġi ddeterminata r-responsabbiltà. Id-data miksuba permezz tal-intervisti fil-biċċa l-kbira ma titqisx bħala evidenza suffiċjenti. Id-dispożizzjoni tad-diskrezzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-persuni dipendenti (l-Artikoli 16 u 17), li jittrattaw każijiet umanitarji, jintużaw b'mod infrekwenti, bl-eċċezzjoni ta' għadd żgħir ta' Stati Membri biss.

Il-kriterji li jirrigwardaw ir-rabtiet tal-familja kienu inqas frekwentement użati, l-aktar minħabba d-diffikultà biex tiġi ttraċċata l-familja jew biex tinkiseb evidenza ta' rabiet familjari. L-Istati Membri jvarjaw ħafna fir-rigward tal-evidenza aċċettata għal dawn il-kriterji, iżda rekwiżit prinċipali normalment huwa dan tal-evidenza dokumentarja (bħal ċertifikat tat-twelid jew taż-żwieġ), li ħafna drabi huwa diffiċli għal applikant għall-ażil biex jipprovdiha. Differenzi sostanzjali dwar x'inhu aċċettabbli bħala prova ta' rabtiet familjari tagħmilha diffiċli biex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà, u dan wassal għal proċeduri fit-tul. Dan jista' jkun fattur li jimmotiva l-movimenti sekondarji, fejn l-applikanti jippruvaw ikomplu jivvjaġġaw.

- **Proċeduri ta' teħid ta' inkarigu u ta' teħid lura**

L-għadd ta' talbiet għal "teħid lura" kien b'mod sinifikanti ogħla mill-għadd ta' talbiet għal "teħid ta' inkarigu". Bejn 2008 u 2014 72 % tat-talbiet li ntbagħtu skont Dublin kienu talbiet għal teħid lura, kontra 28 % tat-talbiet li ntbagħtu li kienu għal teħid ta' inkarigu. Bl-istess mod, 74 % tat-talbiet li waslu skont Dublin kienu talbiet għal teħid lura meta mqabbla ma' 26 % tat-talbiet li waslu għal teħid ta' inkarigu. Il-**perjodi ta' żmien** stipulati għas-sottomissjoni u għat-twieġeb għal dawn it-talbiet kienu fil-biċċa l-kbira rrispettati mill-Istati Membri kollha, iżda l-influss kbir ta' migranti poġġa aktar pressjoni fuq l-aġenziji tal-ażil u dan tawwal iż-żmien tar-rispons f'xi Stati Membri. Dan wassal ukoll għal żieda fit-talbiet mhux kompluti u dan wassal għal rifjuti u tilwim. Dan influwenza wkoll il-prattika tal-"aċċettazzjoni awtomatika", b'xi pajjiżi deliberatament naqsu milli jirrispondu sal-iskadenza bħala mod ta' kif jimmaniġġaw l-ammont kbir ta' każijiet.

Fl-2014, l-għadd totali ta' talbiet biex jittieħed inkarigu u talbiet għal teħid lura kien ta' 84 586 li jirrappreżenta 13 % tat-total tal-applikazzjonijiet għall-ażil li saru fl-UE, li huwa inqas mis-snin ta' qabel. Mit-talbiet kollha, 33 % ġew miċħuda mill-Istat Membru destinatarju, li jista' jissuġġerixxi li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Dublin III fl-2014 għamilha aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jilħqu kunsens dwar ir-responsabbiltà. Fl-2014, madwar kwart biss mill-għadd totali tat-talbiet għal teħid lura u tat-talbiet għal teħid ta' inkarigu aċċettati rriżultaw fi trasferiment fiżiku reali. Dawn numri żgħar juru li hemm problemi fl-applikazzjoni prattika tar-Regolament Dublin III. Madankollu, dan jista' jiġi wkoll parzjalment spjegat minn dewmien fit-trasferimenti, li ma jinqabadx fid-data annwali użata fl-evalwazzjoni. Raġuni importanti oħra għar-rata baxxa ta' trasferimenti, kif ikkonfermat minn bosta Stati Membri, **hija r-rata għolja ta' ħrib matul il-proċeduri ta' Dublin**, li tirriżulta f'bidla fir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri.

- **L-implimentazzjoni tat-trasferimenti**

Il-perjodi taż-żmien għall-implimentazzjoni tat-trasferimenti kienu jvarjaw b'mod sinifikanti. L-effiċjenza tiddependi fuq il-kapaċità u r-riżorsi fl-unitajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tat-trasferimenti, mill-fatt li tkun inkarigata mill-arranġamenti awtorità separata, mill-għadd ta' każijiet, mill-grad ta' kooperazzjoni tal-applikant u mill-għarfien ta' fejn ikunu jinsabu. Raġuni indikata għad-dewmien kienet l-estensjoni tal-limiti ta' żmien skont l-Artikolu 29(2). Għoxrin Stat Membru ddikjaraw li l-spjegazzjoni ewlenija għad-dewmien kienet għax l-applikant jaħrab, filwaqt li kkonċedew total ta' 18-il xahar għat-trasferimenti. Il-prattika tad-detenzjoni, rapportata li tintuża ta' sikwit f'21 minn 31 pajjiż, tvarja b'mod konsiderevoli f'dak li jirrigwarda l-istadju tal-proċedura: xi awtoritajiet jirrikorru għad-detenzjoni mill-bidu tal-proċedura ta' Dublin, oħrajn biss meta t-talba għat-trasferiment tkun ġiet aċċettata mill-Istat Membru responsabbli. Dawn il-prattiki diverġenti joħolqu inċertezza legali u problemi prattiċi. Barra minn hekk, 13-il Stat Membru enfasizzaw li t-trasferimenti b'mod ġenerali mhumiex effettivi, li jindika li l-movimenti sekondarji jiġu osservati "ta' spiss" wara li jkun sar trasferiment.

- **Appelli**

Rimedji kontra deċiżjoni ta' trasferiment huma disponibbli fl-Istati Membri kollha. Ta' spiss l-Istati Membri jiffavorixxu rimedji ġudizzjarji quddiem il-qrati amministrattivi. Fil-proċess ta' appelli l-Istati Membri kollha introduċew **limiti ta' żmien** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, għalkemm l-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi "żmien raġonevoli" tvarja ħafna, minn tlett ijiem sa 60 jum. Jekk każ jiġi appellata, xi Stati Membri **jissospendu t-trasferiment** awtomatikament, filwaqt li oħrajn japplikaw l-Artikolu 27(3)(c), fejn dan irid jintalab mill-applikant.

- **Kooperazzjoni amministrattiva**

L-Istati Membri kollha indikaw li jużaw b'mod frekwenti n-netwerk elettroniku sigur DubliNet għall-iskambju tal-informazzjoni u li kanali informali tal-informazzjoni jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Biex ikomplu jiffaċilitaw l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament Dublin III, bosta Stati Membri kkonkludew arranġamenti amministrattivi kif imsemmi fl-Artikolu 36. Madankollu, s'issa l-ebda Stat Membru m'għamel użu mill-proċedura ta' konċiljazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 37, bi kwalunkwe tilwima tiġi riżolta b'mod informali.

- **Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija u Tħejjija**

Li Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija u Tħejjija ma ġiex implimentat s'issa. Filwaqt li xi Stati Membri argumentaw li l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu qatt ma ġew issodisfatti, oħrajn argumentaw li huwa diffiċli biex jintlaħaq qbil politiku dwar l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu fin-nuqqas ta' kriterji u indikaturi ċari li jkejlu l-pressjoni. Din il-proċedura tqieset ukoll bħala twila u kkumplikata. Miżuri ta' appoġġ alternattivi għenu wkoll biex tittaffa l-pressjoni u jista' jkun li evitaw il-bżonn li jiġi attivat il-mekkaniżmu. L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil intuża bħala eżempju ta' appoġġ li evita l-bżonn li jiġi attivat il-mekkaniżmu billi għen biex jipprevjeni jew jiġu ġestiti l-kriżijiet fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.

### 3.3 Il-kisba tal-objettivi tar-Regolament Dublin III

Is-sejbiet ewlenin tal-istudju estern dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament Dublin III kienu kif spejgat hawn taħt.

- ***Biex jiġi evitat li l-applikanti jagħmlu applikazzjonijiet multipli u b'hekk jitnaqqsu l-movimenti sekondarji***

Minkejja l-għan li jitnaqqsu l-movimenti sekondarji, l-applikazzjonijiet multipli għall-ażil għadhom problema komuni fl-UE. 24 % tal-applikanti fl-2014 kienu diġà bdew applikazzjonijiet preċedenti fi Stati Membri oħra u dan jissuġġerixxi li r-Regolament ftit li xejn kellu effett fuq dan l-objettiv. Kien argumentat ukoll li seta', bla intenzjoni, żid l-inċidenza ta' tipi oħra ta' movimenti sekondarji peress li baqgħu jeżistu differenzi nazzjonali fil-kwalità tas-sistemi tal-akkoljenza u l-ażil u dawn baqgħu jinkoraġġixxu l-movimenti sekondarji.

- ***Biex jiġi żgurat tqassim ġust tal-applikanti u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri***

Ir-Regolament tDublin III għandu impatt limitat fuq it-tqassim tal-applikanti fl-UE peress li t-trasferiment netti bil-proċeduri ta' Dublin kienu kważi żero. Meta l-Istati Membri jirċievu u jittrasferixxu għadd simili ta' applikanti, it-talbiet li jidħlulhom u li jibagħtu jikkanċellaw lil xulxin u dan jindika li ma hemm l-ebda jew ftit li xejn effett ridistributtiv mir-Regolament Dublin III. Dan jidher li huwa minħabba: il-ġerarkija tal-kriterji, li ma tqisx il-kapaċitajiet tal-Istati Membri; ir-responsabbiltà sproporzjonata fuq Stati Membri fil-fruntieri esterni, l-aktar jiġi applikat l-aktar il-kriterju tal-ewwel pajjiż ta' dħul; u l-għadd baxx ta' trasferimenti reali, li jissuġġerixxi li l-applikanti jistgħu jiddepożitaw talbiet fejn jagħżlu huma u b'hekk ipoġġu responsabbiltà akbar fuq aktar destinazzjonijiet attraenti. Dan huwa evidenti miċ-ċifri tal-2014, fejn 70 % tal-applikazzjonijiet għall-ażil ġodda ġew iddepożitati f'ħames Stati Membri biss.

- ***L-ispiża raġonevoli f'termini ta' riżorsi finanzjarji u umani użati fl-implimentazzjoni tar-Regolament Dublin III***

L-istima tal-ispejjeż diretti u indiretti tal-ħidma relatata ma' Dublin fl-2014 fl-Ewropa kienet ta' bejn wieħed u ieħor EUR 1 biljun. In-nuqqas ta' tali mekkaniżmu joħloq spejjeż saħansitra ogħla għall-UE u l-Istati taż-ŻEE, iżda l-evalwazzjoni sabet li r-Regolament Dublin III b'mod ġenerali kien nieqes mill-effiċjenza. Iż-żmien previst legalment għat-trasferiment tal-applikant huwa twil u r-rata reali ta' trasferimenti baxxa: dawn it-tnejn li huma għandhom implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti fuq l-ispejjeż indiretti; u l-effiċjenza kumplessiva tas-sistema. F'tentattiv biex jimpedixxu l-ħrib, l-ispiża tad-detenzjoni f'ċerti Stati Membri hija għalja ħafna. Il-ħrib jiġġenera spejjeż indiretti oħra u jnaqqas l-effiċjenza tas-sistema. Fin-nuqqas ta' trasferimenti u r-ritorni tal-applikanti li jiġu rrifjutati fil-prattika jiġġeneraw spejjeż soċjali għoljin marbuta mal-migrazzjoni irregolari. Huwa stmat li massimu ta' 42 % tal-applikanti ta' Dublin li effettivament ma ġewx ittrasferiti jistgħu għadhom fl-UE bħala migranti irregolari.

Hemm possibbiltà kbira li s-sistema attwali se tibqa' insostenibbli fil-kuntest tal-pressjoni migratorja li qed tkompli. Is-sospensjoni effettiva tat-trasferimenti ta' Dublin lejn il-Greċja mill-2011 wera dgħufija partikolarment kruċjali fis-sistema b'mod partikolari minħabba l-għadd kbir ta' migranti li qed jaslu fil-Greċja f'dawn l-aħħar xhur.

### 3.4 Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati

Minbarra l-evalwazzjoni esterna l-Kummissjoni kkonkludiet konsultazzjonijiet immirati mal-koordinaturi tal-gruppi politiċi tal-LIBE tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, mal-Istati Membri u ma' partijiet konċernati oħra.

Il-koordinaturi tal-gruppi politiċi tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ġew ikkonsultati abbażi ta' dokument ta' diskussjoni u r-riżultati preliminari mill-evalwazzjoni esterna tar-Regolament ta' Dublin. B'mod ġenerali kien hemm appoġġ wiesa' għal riforma fundamentali tas-sistema ta' Dublin u rikonoxximent li l-i*status quo* ma kienx sostenibbli. Filwaqt li xi wħud sostnew li għandu jkun hemm kriterji oġġettivi biex jiddeterminaw ir-responsabbiltà, inkluż fil-forma ta' fattur ta' distribuzzjoni, oħrajn innutaw l-importanza li jitqiesu l-preferenzi/karatteristiċi tal-applikant minkejja d-diffikultà li dan isir b'mod oġġettiv, ġust u prattiku.

L-Istati Membri ġew ikkonsultati fuq il-bażi tal-istess dokumenti. Kien hemm qbil li r-Regolament attwali huwa kumpless wisq u rregolat iż-żżejjed u għalhekk huwa diffiċli ħafna għall-amministrazzjonijiet sabiex japplikawh. Bidliet miżjuda fir-riforma ta' Dublin III tal-2013 rriżultaw f'aktar drittijiet għall-applikanti li jistgħu jintużaw ħażin b'abbuż tas-sistema kollha. Il-movimenti sekondarji ssemmew bħala l-akbar problema fl-implimentazzjoni. Id-diskussjoni dwar il-ħtieġa jew le li Dublin III jiġi ttrasformat fi strument ta' qsim tar-responsabbiltà, b'mod li tinbidel in-natura attwali tiegħu, li hija purament l-allokazzjoni tar-responsabbiltà, ikkonfermat li hemm żewġ fehmiet prinċipali: xi Stati Membri talbu għal sistema permanenti għall-qsim tal-piżijiet permezz ta' fattur ta' distribuzzjoni, filwaqt li oħrajn kienu favur li tinżamm u li tiġi ssimplifikata s-sistema attwali, inkluż il-kriterju tad-dħul irregolari.

Kien hemm fehmiet differenti dwar jekk tal-preferenzi tal-applikanti għandhomx jiġu kkunsidrati: Filwaqt li xi wħud qalu li l-preferenzi ma setgħux jiġu injorati għal kollox minħabba li dan iwassal kważi inevitabbilment għal movimenti sekondarji, oħrajn kienu kontra dan bil-qawwa, peress li kienu meħtieġa kriterji ċari u oġġettivi u ż-żieda ta' preferenzi tirriżulta f'valutazzjonijiet każ b'każ ikkumplikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri fakkru li l-applikanti qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali/jaħarbu mill-persekuzzjoni u li għalhekk ma għandhomx jingħataw wisq għażla tal-pajjiż tal-ażil finali peress li l-idea ta' Dublin mhijiex dik ta' skema (ekonomika) tal-migrazzjoni.

Partijiet konċernati oħra bħall-UNHCR u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ażil ġew ikkonsultati wkoll. Huma qablu li r-regolament Dublin III attwali għandu nuqqasijiet importanti fir-rigward tal-filosofija sottostanti tiegħu — l-ewwel fosthom li l-kriterju ta' dħul irregolari huwa l-kriterju prestabbilit — u li l-prattika matul l-aħħar xhur uriet li tinħtieġ riforma fundamentali. Il-fehma ġenerali kienet li l-preferenzi jew il-karatteristiċi tal-applikant għandhom jitqiesu fl-allokazzjoni ta' Stat Membru responsabbli minħabba l-perspettivi tal-integrazzjoni u biex jitnaqqsu l-movimenti sekondarji. Għall-istess skop, il-kriterju tal-familja għandu jitwessa'. Ħafna enfasizzaw il-ħtieġa li jsir progress lejn kundizzjonijiet ugwali fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet u l-proċeduri tal-akkoljenza.

### 3.5 Drittijiet fundamentali

Din il-proposta hija kompatibbli bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali tal-Komunità kif ukoll tal-liġi internazzjonali.

B'mod partikolari, jekk dawk li jfittxu l-ażil **jiġu mgħarrfa aħjar** dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom li fih, min-naħa jagħtihom il-possibbiltà jiddefendu d-drittijiet tagħhom aħjar u min-naħa l-oħra jikkontribwixxi biex jonqos il-livell tal-movimenti sekondarji billi dawk li qed ifittxu ażil ikunu iktar lesti li jikkonformaw mas-sistema. **L-effettività tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju** se tiżdied, billi jiġi speċifikat l-ambitu tal-appell u definit limitu ta' żmien armonizzat għat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-appell se jkollu wkoll effett sospensiv awtomatiku.

**Id-dritt għal-libertà u l-moviment ħieles** se jkun raffurzat billi jitqassar iż-żmien li fih persuna tista' tinżamm f'detenzjoni fil-każijiet eċċezzjonali stabbiliti fir-Regolament u biss jekk f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità.

**Id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja** se jkun raffurzat, b'mod partikolari billi jitkabbar l-ambitu tar-Regolament biex jinkludi l-aħwa kif ukoll il-familji ffurmati f'pajjiżi ta' tranżitu.

Id-**drittijiet tal-minorenni mhux akkumpanjati ġew imsaħħa wkoll** permezz ta' definizzjoni aħjar tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal u billi ġie stabbilit mekkaniżmu biex issir deċiżjoni fl-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla fiċ-ċirkostanzi kollha li jimplikaw it-trasferiment ta' minuri.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-riżorsi finanzjarji totali meħtieġa biex isostnu l-implimentazzjoni ta' din il-proposta jammontaw għal EUR 1828,6 miljun previsti għall-perjodu 2017–2020. Dan ikopri l-ispejjeż tat-trasferiment ladarba jkun ġie attivat il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva għall-benefiċċju ta' Stat Membru, l-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema tal-IT għar-reġistrazzjoni u l-allokazzjoni awtomatika ta' applikanti għall-ażil, iżda wkoll l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' akkoljenza meħtieġa, kemm fir-rigward tal-infrastruttura kif ukoll tal-ispejjeż tal-operat, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li s'issa kellhom jittrattaw biss għadd żgħir ta' applikanti għall-ażil.

Il-ħtiġijiet finanzjarji huma kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u jistgħu jinvolvu l-użu ta' strumenti speċjali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[16].

## 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta żżomm ir-rabta bejn ir-responsabbiltajiet fil-qasam tal-ażil u r-rispett mill-Istati Membri tal-obbligi tagħhom f'termini ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni, soġġetta għall-eċċezzjonijiet maħsuba biex jipproteġu l-unità tal-familja u l-aħjar interess tat-tfal. Il-kriterji attwali għall-allokazzjoni tar-responsabbiltà huma essenzjalment ippriservati, iżda huma proposti bidliet immirati, notevolment sabiex tissaħħaħ l-unità tal-familja skont Dublin billi titwessa' d-definizzjoni ta' familja.

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014–2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

L-emendi ewlenin li saru għandhom l-għan li minn naħa jtejbu l-effiċjenza tas-sistema, b'mod partikolari billi tinżamm responsabbiltà stabbli ta' Stat Membru partikolari biex jeżamina l-applikazzjoni, ladarba r-responsabbiltà tkun ġiet stabbilita. Min-naħa l-oħra, l-emendi għandhom l-għan li jillimitaw il-movimenti sekondarji, b'mod partikolari billi jħassru r-regoli dwar il-bdil tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri.

Is-sistema hija kkomplementata b'mekkaniżmu ġdid ta' korrezzjoni tal-allokazzjoni, abbażi ta' fattur ta' referenza, li jippermetti aġġustamenti fl-allokazzjoni tal-applikanti f'ċerti ċirkostanzi. Għalhekk dan ifisser li s-sistema tista' tittratta ma' sitwazzjonijiet meta s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata, billi tiġi żgurata sistema xierqa ta' kondiviżjoni tal-piżijiet bejn l-Istati Membri.

**I. Simplifikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u t-titjib tal-effiċjenza tiegħu**

Bl-għan li jiġi żgurat li l-proċedura ta' Dublin taħdem bla problemi u b'mod sostenibbli, li tilħaq l-għan tal-aċċess rapidu għall-proċedura tal-eżami u tal-protezzjoni għal dawk li jeħtiġuha u li jiġu skoraġġuti l-movimenti sekondarji, qed jiġu proposti diversi emendi, b'mod partikolari:

- **Obbligu ġdid huwa introdott li jipprevedi li applikant irid japplika fl-Istat Membru jew tal-ewwel dħul irregolari jew, f'każ ta' permanenza legali f'dak l-Istat Membru.** L-għan huwa li tiġi żgurata ġestjoni ordinata tal-flussi, sabiex tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli u biex jiġu evitati l-movimenti sekondarji. B'din l-emenda huwa ċċarat li l-applikant la għandu d-dritt jagħżel l-Istat Membru tal-applikazzjoni u lanqas l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu l-ġdid minn applikant, l-Istat Membru jrid jeżamina l-applikazzjoni bi proċedura aċċellerata. Barra minn hekk, applikant se jkun intitolata biss għad-drittijiet ta' akkoljenza materjali fejn hu jew hi j/tkun meħtieġa j/tkun preżenti.
- Qabel ma jibda l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, ir-Regolament jintroduċi obbligu għall-Istat Membru tal-applikazzjoni **li jikkontrolla jekk l-applikazzjoni hijiex inammissibbli**, minħabba li l-applikant ikun ġej mill-ewwel pajjiż tal-ażil jew minn pajjiż terz bla periklu. Jekk dan ikun il-każ, l-applikant se jkun ritornat lejn dak l-ewwel pajjiż jew pajjiż terz sikur, u l-Istat Membru li għamel il-kontroll tal-inammissibbiltà se jitqies bħala responsabbli għal dik l-applikazzjoni. L-Istat Membru għandu jikkontrolla wkoll jekk l-applikant ikunx ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur jew jekk huwiex ta' riskju għas-sigurtà, f'liema każ l-Istat Membru tal-applikazzjoni se jkunu responsabbli u għandu jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura aċċellerata.
- Ir-Regolament **jintroduċi regola li ladarba Stat Membru jkun eżamina l-applikazzjoni** bħala Stat Membru responsabbli, huwa jibqa' responsabbli wkoll biex jeżamina rappreżentazzjonijiet u applikazzjonijiet futuri tal-applikant partikolari. Dan issaħħaħ ir-regola l-ġdida li Stat Membru wieħed biss huwa u għandu jibqa' responsabbli biex jeżamina applikazzjoni u li l-kriterju tar-responsabbiltà għandu jiġi applikat darba biss.
- Ir-rekwiżit tal-kooperazzjoni tal-applikanti huwa msaħħaħ bl-għan li jkun żgurat aċċess rapidu għall-proċeduri tad-determinazzjoni tal-istatus, il-funzjonament korrett tas-sistema u l-prevenzjoni tal-evażjoni tar-regoli,

notevolment ħrib. Ir-Regolament jistabbilixxi **obbligi proporzjonati tal-applikant** dwar l-għoti f'waqtu tal-elementi u l-informazzjoni kollha rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Huwa msemmi wkoll b'mod espliċitu li l-applikanti għandhom l-obbligu li jkunu preżenti u disponibbli għall-awtoritajiet ta' Stat Membru rilevanti u jirrispettaw id-deċiżjoni ta' trasferiment. **In-nuqqas tar-rispett tal-obbligi legali** stabbiliti fir-Regolament se jkollhom konsegwenzi proċedurali proporzjonati għall-applikant, bħal preklużjoni li tiġi aċċettata informazzjoni li mingħajr ġustifikazzjoni tkun ġiet ppreżentata tard wisq.

- Ir-Regolament iwessa' l-ambitu tal-**informazzjoni** li trid tiġi pprovduta lill-applikanti. L-**intervista personali** għandha l-għan li tiffaċilita l-proċess tad-determinazzjoni l-Istat Membru responsabbli billi tgħin biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa. Madankollu ma għandhiex twassal biex tiddewwem il-proċedura meta l-applikant ikun ħarab jew meta tkun diġà ġiet ipprovduta informazzjoni suffiċjenti.

- Ir-regola dwar **il-ġerarkija tal-kriterji sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà** tiddikjara b'mod espliċitu li l-kriterji għandhom jiġu applikati darba biss. Dan ifisser li mit-tieni applikazzjoni, ir-regoli tar-riammissjoni (teħid lura) se japplikaw mingħajr eċċezzjonijiet. Ir-regola li l-kriterji għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikant iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni tiegħu għand Stat Membru, issa tapplika għall-kriterji kollha, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-membri tal-familja u l-minorenni. Skadenza ċara biex tingħata l-informazzjoni rilevanti se tippermetti valutazzjoni u deċiżjoni rapidi.

- **Id-definizzjoni tal-membri tal-familja** twessgħet b'żewġ modi: billi (1) tinkludi l-aħwa ta' applikant u billi (2) tinkludi r-relazzjonijiet familjari li nħolqu wara t-tluq mill-pajjiż tal-oriġini iżda qabel il-wasla fit-territorju tal-Istat Membru. L-aħwa huma kategorija pjuttost fil-mira iżda importanti fejn il-possibbiltà biex tiġi ppruvata u vverifikata r-relazzjoni familjari hija relattivament faċli u b'hekk il-potenzjal għall-abbuż huwa baxx. L-estensjoni biex tkopri l-familji ffurmati matul it-transitu tirrifletti l-fenomenu migratorju riċenti bħal permanenzi itwal barra l-pajjiż tal-oriġini qabel ma jaslu fl-UE, bħal f'kampijiet tar-refuġjati. Dawn l-estensjonijiet mmirati tad-definizzjoni tal-familja huma mistennija li jnaqqsu r-riskju tal-movimenti irregolari jew tal-ħrib tal-persuni koperti mir-regoli estiżi.

- Għadd ta' modifiki huma proposti biex **jissimplifikaw il-kriterji tar-responsabbiltà stipulati fl-Artikoli 14, 15, u 16**. Fl-Artikolu 14 ġew iċċarati l-kriterji tar-responsabbiltà rigward il-viżi u d-dokumenti tar-residenza. Fl-Artikolu 15 dwar id-dħul irregolari, il-klawżola li tipprevedi t-tmiem tar-responsabbiltà wara 12-il xahar mid-dħul irregolari kif il-klawżola kkumplikata u diffiċli tal-prova fir-rigward tal-permanenza illegali tħassru. B'rabta mal-kriterju ta' dħul b'eżenzjoni mill-viża, l-eċċezzjoni fir-rigward ta' dħul sussegwenti fi Stat Membru li għalih il-ħtieġa għal viża tad-dħul ġiet eżentata tħassret ukoll, b'konformità mal-approċċ li l-Istat Membru tal-ewwel dħul għandu, bħala regola, ikun responsabbli u sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji mhux ġustifikat wara d-dħul. Il-klawżola diskrezzjonarja saret aktar stretta biex tiżgura li tintuża biss għal raġunijiet umanitarji f'dak li għandu x'jaqsam mal-familja usa'.

- Ir-Regolament emendat jistabbilixxi **limiti ta' żmien iqsar** għall-passi differenti tal-proċedura ta' Dublin, sabiex titħaffef il-proċedura tad-determinazzjoni u biex l-applikant jingħata aċċess aktar mgħaġġel għall-proċedura tal-ażil. Dan jikkonċerna l-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni u t-tweġiba għal talba biex jittieħed inkarigu, issir in-notifika għat-teħid lura u tittieħed deċiżjoni ta' trasferiment. Bħala riżultat tat-tqassir tal-limiti taż-żmien, il-proċedura tal-urġenza tneħħiet.

- **L-iskadenzi mhux se jirriżultaw aktar f'bidla tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri** (bl-eċċezzjoni tal-iskadenza għat-tweġibiet għal talbiet ta' teħid ta' inkarigu). Dawn il-bidliet fir-responsabbiltà jidher li ħeġġew l-evazzjoni tar-regoli u t-tfixkil tal-proċedura. Ir-regola l-ġdida għandha minflok tkun li ladarba Stat Membru kien determinat responsabbli, dak l-Istat Membru għandu jibqa' responsabbli.

- Talbiet għal teħid lura għandhom jiġu ttrasformati **f'sempliċi notifiki ta' teħid lura**, peress li huwa ċar liema huwa l-Istat Membru responsabbli u mhux se jibqa' aktar il-bżonn ta' bidla fir-responsabbiltà. Dawn in-notifiki ma jirrikjedux risposta, iżda minflok konferma immedjata tal-wasla. Din se tkun għodda sinifikanti biex jiġu indirizzati l-movimenti sekondarji, meta titqies il-prevalenza attwali ta' teħid lura aktar milli ta' talbiet għal teħid ta' inkarigu.

- B'rabta ma' dan huma **l-konsegwenzi proċedurali** għall-eżami tal-applikazzjoni wara trasferiment b'teħid lura. Ir-regoli dwar kif l-Istati Membri responsabbli għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni wara li jieħdu lura persuna ġew modifikati, bl-għan li jiddiswadu u jissanzjonaw il-movimenti sekondarji

- Żdied obbligu fuq l-Istat Membru responsabbli biex **jieħu lura benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali**, li jkun għamel applikazzjoni jew li jkun preżenti b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Dan l-obbligu se jagħti lill-Istati Membri l-għodda legali meħtieġa biex jinforzaw it-trasferimenti lura, li hija importanti biex jiġu limitati l-movimenti sekondarji.

- Ir-**regoli dwar ir-rimedji** ġew adattati sabiex il-proċess tal-appell jiġi mħaffef u armonizzat konsiderevolment. Barra milli jistabbilixxi limiti ta' żmien speċifiċi u qosra, l-użu ta' rimedju awtomatikament jissospendi t-trasferiment. Rimedju ġdid ġie introdotta għal każijiet fejn ma tkunx ittieħdet deċiżjoni ta' trasferiment, u l-applikant jiddikjara li membru tal-familja jew fil-każ ta' minorenni, anki qarib, ikun legalment preżenti fi Stat Membru ieħor.

- Il-**proċedura ta' konċiljazzjoni** bħala mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim qatt ma ntużat formalment minn meta ġiet prevista fil-Konvenzjoni ta' Dublin tal-1990 (għalkemm f'forma kemmxejn differenti), u għalhekk jidher li mhijiex meħtieġa u għandha titneħħa.

- L-objettivi tal-**mekkaniżmu ta' twissija bikrija u tħejjija** eżistenti huma proposti li jgħaddu għand l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil il-ġdida, kif stabbilit b'mod partikolari fil-Kapitolu 5 dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni u fil-Kapitolu 6 dwar l-assistenza operattiva u teknika fil-proposta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. Dan il-mekkaniżmu għalhekk tħassar mir-Regolament ta' Dublin.

- **Netwerk ta' unitajiet ta' Dublin** twaqqaf u qed jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-

kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta’ għodod prattiċi u ta' gwida.

- F’dak li għandu x’jaqsam ma’ **minorenni mhux akkumpanjati**, il-proposta tiċċara li għandu jkun responsabbli l-Istat Membru fejn il-minorenni jkun iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu, sakemm ma jintweriex li dan mhuwiex fl-aħjar interessi tal-minorenni. Din ir-regola tippermetti d-determinazzjoni rapida tal-Istat Membru responsabbli u għalhekk tippermetti aċċess rapidu għall-proċedura għal dan il-grupp vulnerabbli ta’ applikanti, anke minħabba li limiti ta’ żmien imqassra proposti.
- Id-dispożizzjoni dwar **il-garanziji għall-minorenni mhux akkumpanjati** hija adattata biex il-valutazzjoni tal-aħjar interessi ssir aktar operattiva. Għalhekk, qabel it-trasferiment ta’ minorenni mhux akkumpanjat lejn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jiżgura li dan l-Istat Membru se jieħu l-miżuri meħtieġa skont il-proċeduri tal-ażil u skont id-Direttivi dwar l-kondizzjonijiet tal-akkoljenza mingħajr dewmien. Huwa stipulat ukoll li kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta’ minorenni mhux akkumpanjat trid tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu, li għandha ssir malajr minn persunal kwalifikat.

**II. Mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva**

Ir-Regolament imfassal mill-ġdid jistabbilixxi mekkaniżmu korrettiv sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u aċċess rapidu għall-applikanti għall-proċeduri tal-għoti ta’ protezzjoni internazzjonali, f’sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma’ għadd sproporzjonat ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li għalihom huwa jkun l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament. Dan għandu jimmitiga kwalunkwe sproporzjonalità sinifikanti fis-sehem mill-applikazzjonijiet għall-ażil bejn l-Istati Membri li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-kriterji tar-responsabbiltà.

- **Sistema ta’ reġistrazzjoni u ta’ monitoraġġ**

  Inħolqot sistema awtomatizzata li se tippermetti r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha u l-monitoraġġ tas-sehem ta’ kull Stat Membru fl-applikazzjonijiet kollha. L-Aġenzija tal-Unjoni għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) se tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-operat tekniku tas-sistema. Hekk kif tiġi ddepożitat applikazzjoni, l-Istat Membru għandu jirreġistra dik l-applikazzjoni fis-sistema awtomatizzata, li se tirreġistra kull applikazzjoni taħt in-numru tal-applikazzjoni uniku. Hekk kif Stat Membru jkun ġie determinat bħala l-Istat Membru responsabbli, dan se jiġi inkluż ukoll fis-sistema. Is-sistema awtomatizzata se tindika wkoll, f’ħin reali, l-għadd totali ta’ applikazzjonijiet iddepożitati fl-UE u l-għadd għal kull Stat Membru, kif ukoll — wara li jkun ġie ddeterminat l-Istat Membru responsabbli — l-għadd ta’ applikazzjonijiet li kull Stat Membru jrid jeżamina bħala l-Istat Membru responsabbli u s-sehem li dan jirrappreżenta meta mqabbla ma’ Stati Membri oħra. Is-sistema se tindika wkoll l-għadd ta’ persuni effettivament risistemati minn kull Stat Membru.

- **L-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ allokazzjoni korrettiva**

L-għadd ta’ applikazzjonijiet li għalihom Stat Membru partikolari huwa responsabbli u l-għadd ta’ persuni effettivament risistemati minn Stat Membru huma l-bażi għall-kalkolu tal-ishma rispettivi. Dan jinkludi l-applikazzjonijiet li għalihom ikun responsabbli Stat Membru skont il-verifika tal-inammissibbiltà, tal-pajjiż tal-oriġini sikur u r-raġunijiet ta’ sigurtà. Il-kalkoli jsiru fuq bażi ta’ sena rotanti, jiġifieri fi kwalunkwe mument, abbażi tal-għadd ta’ applikazzjonijiet ġodda li għalihom Stat Membru jkun ġie nominat bħala responsabbli fis-sistema matul l-aħħar sena u l-għadd ta’ persuni effettivament risistemati. Is-sistema tikkalkula kontinwament il-perċentwali ta’ applikazzjonijiet li għalihom kull Stat Membru jkun ġie maħtur bħala responsabbli u tqabbel mal-perċentwali ta' referenza abbażi ta' fattur. Dan il-fattur ta' referenza huwa bbażat fuq żewġ kriterji li għandhom l-istess ponderazzjoni ta’ 50 %, id-daqs tal-popolazzjoni u tal-PDG ta’ Stat Membru.

L-applikazzjoni tal-allokazzjoni korrettiva għall-benefiċċju ta’ Stat Membru tiġi attivata awtomatikament meta l-għadd ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li għalihom huwa responsabbli Stat Membru jaqbeż il-150 % taċ-ċifra identifikata fil-fattur ta’ referenza.

- **L-allokazzjoni tal-applikazzjonijiet permezz tal-fattur ta' referenza u l-waqfien**

Mal-attivazzjoni tal-mekkaniżmu, l-applikazzjonijiet il-ġodda kollha fl-Istat Membru li jkun qed jesperjenza pressjoni sproporzjonata, wara l-verifika tal-ammissibilità iżda qabel il-verifika ta’ Dublin, jiġu allokati lil dawk l-Istati Membri b’għadd ta’ applikazzjonijiet li għalihom huma l-Istat Membru responsabbli taħt l-għadd identifikat fil-fattur ta’ referenza; l-allokazzjonijiet jinqasmu b'mod proporzjonali bejn dawk l-Istati Membri, abbażi tal-fattur ta’ referenza. Ma jsirux aktar allokazzjonijiet bħal dawn lil Stat Membru ladarba l-għadd tal-applikazzjonijiet li għalihom ikun responsabbli jaqbeż l-għadd identifikat mill-fattur ta’ referenza.

L-allokazzjoni tkompli sakemm l-Istat Membru li jkun qed jesperjenza il-pressjoni sproporzjonata jibqa’ ‘l fuq minn 150 % tal-għadd ta’ referenza tiegħu.

Membri tal-familja li għalihom tapplika l-proċedura tal-allokazzjoni se jiġu allokati lill-istess Stat Membru. Mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva ma għandux iwassal għal separazzjoni ta' membri ta' familja.

- **Solidarjetà finanzjarja**

Stat Membru tal-allokazzjoni jista’ jiddeċiedi li temporanjament ma jiħux sehem fil-mekkaniżmu korrettiv għal perjodu ta' tnax-il xahar. L-Istat Membru jdaħħal din l-informazzjoni fis-sistema awtomatizzata u jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ażil. Wara dan l-applikanti li kienu ġew allokati lil dak l-Istat Membru jiġu allokati lill-Istati Membri l-oħra minflok. L-Istat Membru li temporanjament ma jkunx qed jieħu sehem fl-allokazzjoni korrettiva jrid jagħmel kontribuzzjoni ta’ solidarjetà ta’ EUR 250 000 għal kull applikant lill-Istati Membri li jiġu ddeterminati bħala responsabbli għall-eżami ta’ dawn l-applikazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta’ implimentazzjoni, li jispeċifika l-modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-kontribuzzjoni ta’ solidarjetà. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil se timmonitorja u tirrapporta għand il-Kummissjoni fuq bażi annwali dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ solidarjetà finanzjarja.

- **Il-proċedura fl-Istat Membru li jagħmel it-trasferiment u l-Istat Membru tal-allokazzjoni**

  L-Istat Membru li jibbenefika mill-mekkaniżmu korrettiv għandu jittrasferixxi lill-applikant lejn l-Istat Membru tal-allokazzjoni u għandu wkoll jittrażmettu l-marki tas-swaba' tal-applikant sabiex tkun tista' ssir il-verifika tas-sigurtà fl-Istat Membru tal-allokazzjoni. Dan għandu l-għan li jipprevjeni kwalunkwe impediment għall-allokazzjoni kif esperjenzat matul l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni. Wara t-trasferiment, l-Istat Membru tal-allokazzjoni jagħmel il-kontroll ta' Dublin biex jivverifika jekk hemmx kriterji primarji, bħal familja fi Stat Membru ieħor li japplikaw fil-każ tal-applikant. Fejn dan ikun il-każ, l-applikant jiġi trasferit lejn l-Istat Membru li konsegwentement ikunu responsabbli.

- **Klawsola ta' rieżami**

  Huwa previst li l-Kummissjoni se tirrieżamina t-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem kull sena, sabiex tivvaluta jekk il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva huwiex qed jilħaq l-objettiv tiegħu li jiżgura kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u jtaffi l-pressjoni sproporzjonata fuq ċerti Stati Membri.

  Il-Kummissjoni se b'mod partikolari tivverifika li l-limitu massimu għall-attivazzjoni u l-waqfien tal-allokazzjoni korrettiva effettivament jiżgura qsim xieraq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u aċċess rapidu għall-applikanti għall-proċeduri tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma' għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li għalihom ikun responsabbli skont dan ir-Regolament.

🡻 604/2013

2016/0133 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

🡻 604/2013 premessa 1 (adattat)

(1) Numru ta' bidliet sostanzjali se jsiru ~~lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[17].~~ ⌦ lir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] ⌫. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jiġi riformulat.

🡻 604/2013 premessa 2

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) hija parti kostitwenti tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi progressivament

17 ~~ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.~~

18 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu protezzjoni fl-Unjoni.

---

🡻 604/2013 premessa 3

(3) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, qabel li jaħdem biex jistabbilixxi s-SEKA, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), biex hekk ikun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għal persekuzzjoni, jiġifieri, li jinżamm il-prinċipju ta' *non-refoulement*. F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jintlaqtu l-kriterji ta' responsabbiltà preskritti f'dan ir-Regolament, Stati Membri, li kollha jirrispettaw il-prinċipju ta' *non-refoulement*, jitqiesu bħala pajjiżi siguri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

---

🡻 604/2013 premessa 4

(4) Il-konklużjonijiet ta' Tampere ddikjaraw ukoll li s-SEKA għandha tinkludi, fit-terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil.

---

🡻 604/2013 premessa 5

(5) Metodu tali għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

---

🡻 604/2013 premessa 6

(6) L-ewwel fażi tal-ħolqien tas-SEKA li, fit-tul ta' żmien, għandha twassal għal proċedura komuni u status uniformi, validu madwar l-Unjoni, għal dawk li jingħataw il-protezzjoni internazzjonali, issa tlestiet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom ikunu implimentati fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perijodu 2005-2010. F'dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi ta' strumenti legali u biex tressaq l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li jkunu adottati qabel l-aħħar tal-2010.

🡻 604/2013 premessa 7
⇨ ġdid

(7) Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn tiegħu għall-objettiv tal-ħolqien ta' żona komuni ta' protezzjoni u solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 78 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), għal dawk mogħtija protezzjoni internazzjonali, mhux aktar tard mill-2012. Barra minn hekk huwa saħaq li s-sistema ta' Dublin għadha fundamentali fil-bini tas-SEKA, peress li talloka b'mod ċar ir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri għall-analiżi ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. ⇨ F'Mejju 2015 il-Kummissjoni indikat fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni li r-Regolament ta' Dublin se jiġi evalwat u jekk meħtieġ issir proposta għar-reviżjoni tiegħu partikolarment biex ikun hemm distribuzzjoni aktar ġusta tal-persuni li jfittxu l-ażil fl-Ewropea ⇦ .

---

🡻 604/2013 premessa 8

(8) ~~Ir-riżorsi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] għandhom ikunu disponibbli biex jipprovdu appoġġ xieraq għas-servizzi rilevanti tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-EASO għandu jipprovdi miżuri ta' solidarjetà, bħar-Riżerva ta' Intervent għall-Asil bi gruppi ta' appoġġ għall-asil biex jgħinu lil dawk l-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjoni partikolari u fejn l-applikanti għal protezzjoni internazzjoniali ("l-applikanti") ma jistgħux jibbenefikaw minn standards xierqa, b'mod partikolari f'dik li hija akkoljenza u protezzjoni.~~

---

⇩ ġdid

(9) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jeħtiġilha tipprovdi sostenn adegwat fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tistabbilixxi l-fattur ta' referenza għad-distribuzzjoni tal-persuni li jfittxu l-ażil skont il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiv, u billi tadatta ċ-ċifri sottostanti l-fattur ta' referenza annwalment abbażi tad-data tal-Eurostat.

---

🡻 604/2013 premessa 9 (adattat)
⇨ ġdid

(10) Fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjonijiet magħmula tal-implimentazzjoni ⌦ tar-Regolament (EU) 604/2013 ⌫~~tal-istrumenti tal-ewwel fażi~~, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji sottostanti għar-Regolament ~~(KE) Nru 343/2003~~ (UE) Nru 604/2013, waqt li jsir it-titjib neċessarju, fid-dawl tal-esperjenza, għall-effettività tas-sistema ta' Dublin u l-protezzjoni mogħtija lill-applikanti skont dik

---

[19] ~~ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11~~

is-sistema. Meta wieħed iqis li sistema ta' Dublin li taħdem tajjeb hija essenzjali għas-SEKA, il-prinċipji u t-tħaddim tagħha għandhom jiġu eżaminati hekk kif komponenti oħra tas-SEKA u għodod ta' solidarjetà tal-Unjoni jkunu qed jinbnew. Għandha tiġi prevista 'verifika tal-adegwatezza' permezz tat-twettiq ta' reviżjoni komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza, li tkopri l-effetti legali, ekonomiċi u soċjali tas-sistema ta' Dublin, inkluż l-effetti tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem. ⇨Abbażi ta' din l-evalwazzjoni u tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew u ma' partijiet konċernati oħra, jitqies li huwa wkoll xieraq li fir-Regolament jiġu stabbiliti l-miżuri meħtieġa għal sehem ġust mir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, partikolarment biex ikun żgurat li ma jitqiegħedx piż sproporzjonat fuq xi Stati Membri. ⇦

---

🡻 604/2013 premessa 10

(11) Sabiex ikun żgurat trattament ekwu lill-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kollha, u l-konsistenza mal-*acquis* attwali tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar l-istandards għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija,[20] l-ambitu ta' dan ir-Regolament jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

---

⇩ ġdid

(12) Sabiex ikun żgurat li l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li daħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru responsabbli mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal permanenza f'dak l-Istat Membru l-ieħor jittieħdu lura mill-Istat Membru responsabbli, huwa meħtieġ li l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jkunu koperti minn dan ir-Regolament.

---

🡻 604/2013 premessa 11

(13) Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards għall-akkoljenza ta' applikanti tal-protezzjoni internazzjonali[21] għandha tapplika għall-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli kif regolat min dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

---

[20] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

[21] Ara l-paġna 96 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali. Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

🡻 604/2013 premessa 12

(14) Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali~~[22] għandha tapplika flimkien u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji proċedurali regolati minn dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

---

🡻 604/2013 premessa 13

(15) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-aħjar interess tat-tifel/tifla għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jieħdu kont tal-ġid u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza u l-fehmiet tal-minorenni skont il-livell ta' maturita' tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tiegħu jew tagħha. Barra minn dan, garanziji proċedurali speċifiċi għal minorenni mhux akkunpanjati għandhom ikunu stabbiliti minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom.

---

🡻 604/2013 premessa 14

(16) F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-rispett lejn il-ħajja tal-familja għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

⇩ ġdid

(17) Sabiex jiġi impedit li applikanti b'talbiet inammissibbli jew li x'aktarx mhumiex fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, jew li jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà jiġu ttrasferiti bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Membru fejn tiġi ddepożitata talba għall-ewwel darba jivverifika l-ammissibbiltà tat-talba b'rabta mal-ewwel pajjiż tal-ażil u mal-pajjiż terz sikur, jeżamina bi proċeduri aċċellerati l-applikazzjonijiet imressqa minn applikanti ġejjin min pajjiż tal-oriġini sikur elenkat fil-lista tal-UE, kif ukoll applikazzjonijiet li jirrapreżentaw tħassib dwar is-sigurtà.

---

🡻 604/2013 premessa 15

(18) L-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-membri ta' familja waħda minn Stat Membru wieħed jagħmel possibbli li jkun żgurat

---

[22] ~~Ara paġna 60 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~ Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

li l-applikazzjonijiet ikunu eżaminati b'mod komplet, li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti u li l-membri tal-istess familja ma jkunux separati.

---

⇩ ġdid

(19) Id-definizzjoni ta' membru ta' familja f'dan ir-Regolament għandha tinkludi lill-aħwa tal-applikant. Ir-riunjoni tal-aħwa hija ta' importanza partikolari biex jitjiebu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti u għalhekk jitnaqqsu l-movimenti sekondarji. L-ambitu tad-definizzjoni ta' membru ta' familja għandu jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni għandha għalhekk tinkludi familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini, iżda qabel il-wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru. Dan it-twessigħ limitat u mmirat tal-ambitu tad-definizzjoni huwa mistenni li jnaqqas l-inċentiv għal xi movimenti sekondarji ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-UE.

---

🡻 604/2013 premessa 16
⇨ ġdid

(20) Sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità tal-familja u għall-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u t-tifel/tifla, aħwa jew ġenitur tiegħu/tagħha minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa jew ix-xjuħija tal-applikant, għandha ssir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot. Meta l-applikant huwa minorenni mhux akkompanjat, il-preżenza ta' membru tal-familja jew qarib f'territorju ta' Stat Membru ieħor li jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha għandha wkoll issir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot. ⇨Sabiex ma jkunux inkoraġġiti movimenti sekondarji ta' minorenni mhux akkompanjati, li mhumiex fl-aħjar interess tagħhom, fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-minorenni mhux akkompanjat ippreżenta l-ewwel applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jintweriex li dan ikun mhux fl-aħjar interess tat-tifel/tifla. Qabel ma minorenni mhux akkompanjat jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li jittrasferixxi jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa biex jiżgura protezzjoni adegwata tat-tifel/tifla u partikolarment ta' ħatra fil-pront ta' rappreżentat jew rapreżentanti bil-kompitu li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet kollha li huma intitolati għalihom. Kwalunkwe deċiżjoni li jiġi ttrasferit minorenni mhux akkompanjat għandha ssir wara valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu minn persunal bil-kwalifiki u l-għarfien meħtieġa. ⇦

---

🡻 604/2013 premessa 17 (adattat)
⇨ ġdid

(21) ⇨ It-teħid ta' responsabbiltà minn Stat Membru biex jeżamina l-applikazzjoni ppreżentata għandu f'każijiet meta dik l-eżaminazzjoni ma tkunx r-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament jista' jimmina l-effikaċja u s-sostennibbiltà tas-sistema u għandu jkun eċċezzjonali. ⇦~~Kull~~ ⌦ Għalhekk ⌫ Stat Membru għandu jkun jista' jidderoga mill-kriterji ta' responsabbiltà~~, b'mod partikolari~~ ⇨ biss ⇦ fuq bażijiet umanitarji, ~~u ta' kompassjoni~~ , ⇨ partikolarment għal raġunijiet

ta' familja, qabel ma jkun ġie ddeterminat l-Istat Membru responsabbli ⇦ ~~sabiex jingħaqdu flimkien membri ta' familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra~~ u jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu jew fi Stat Membru ieħor, ukoll jekk dan l-eżami mhux ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji li jorbtu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

---

⇩ ġdid

(22) Sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u jiġu impediti l-ostakli għall-applikazzjoni tiegħu, partikolarment sabiex jiġu evitati l-ħarbiet u l-movimenti sekondarji bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi ċari li jrid jikkonforma magħhom l-applikant fil-kuntest tal-proċedura, li jrid jiġi infurmat dwarha sew u fil-pront. Il-ksur ta' dawn l-obbligi legali għandu jwassal għal konsegwenzi proċedurali xieraq u proporzjonali għall-applikant u għal konsegwenzi xierqa u proporzjonali f'termini tal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza tiegħu jew tagħha. F'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, *l-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata applikazzjoni bħal din għandu fi kwalunkwe każ jiżgura li l-bżonnijiet materjali immedjati tal-persuna jkunu koperti.*

---

🡻 604/2013 premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(23) Għandha tkun organizzata intervista personali mal-applikant sabiex tkun iffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li għandu jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ⇨ sakemm l-applikant ma jkunx ħarab jew l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsibbli ⇦. Hekk kif tiġi ddepożitata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jiġi informat ⌧ partikolarment ⌫, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,⇨ dwar in-nuqqas ta' għażla dwar liema Stat Membru se jeżamina l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-ażil; dwar l-obbligi tagħha jew tiegħu skont dan ir-Regolament u l-konsegwenzi jekk ma jikkonformawx magħhom ⇦~~u dwar il-possibilità, waqt l-intervista li jipprovdi informazzjoni dwar il-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħrajn fl-Istati Membri sabiex jiġi faċilitat il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli~~.

---

🡻 604/2013 premessa 19
⇨ ġdid

(24) Sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati,, għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ⇨ Għandu wkoll jingħata rimedju effettiv f'sitwazzjonijiet fejn ma titteħidx deċiżjoni ta' trasferiment iżda l-applikant jiddikjara li Stat Membru ieħor huwa responsabbli abbażi li għandu membru tal-familja jew, fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, qarib fi Stat Membru ieħor. ⇦ Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt

internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet għandu jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li għalih jiġi ttrasferit l-applikant. ⇨L-ambitu tar-rimedju effettiv għandu jkun limitat għal valutazzjoni ta' jekk id-drittijiet fundamentali tal-applikant fir-rigward tal-ħajja tal-familja, tad-drittijiet tat-tfal u l-projbizzjoni ta' trattament inuman u degradanti humiex f'riskju li jinkisru. ⇦

---

⇩ ġdid

(25) L-Istat Membru li jiġi ddeterminat bħala responsabbi skont dan ir-Regolament għandhom jibqa' responsabbli għall-eżami ta' kull applikazzjoni ta' dak l-applikant, inkluż kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti, skont l-Artikolu 40, 41 u 42 tad-Direttiva 2013/32/UE, irrispettivament minn jekk l-applikant ikunx ħalla jew tkeċċa mit-territorju tal-Istati Membri. Id-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 li kienu previsti biex tintemm ir-responsabbiltà taħt ċerti kundizzjonijiet, inkluż meta l-iskadenzi għat-twettiq ta' trasferimenti jkunu qabżu b'ċertu perjodu ta' żmien, ħolqu inċentiv għall-evażjoni u għalhekk għandhom jitneħħew.

(26) Sabiex jiġi żgurat li determinazzjoni tar-responsabilità u tal-allokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri ssir bla dewmien, l-iskadenzi biex isiru u tingħata tweġiba għal talbiet biex jittieħed inkarigu, biex isur in-notifiki ta' teħid lura u għat-twettiq tat-trasferimenti, kif ukoll biex isiru u jiġu deċiżi l-appelli, għandhom jiġu ssimplifikati u mqassra sal-massimu possibbli.

---

🡻 604/2013 premessa 20

(27) Id-detenzjoni ta' applikanti għandha tiġi applikata skont il-prinċipju bażiku li persuni m'għandhomx jiġu detenuti fuq il-bażi unika li huma qiegħdin ifittxu l-protezzjoni internazzjonali. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun, u soġġetta għall-prinċipji tan-neċċessita u l-proporzjonalità. B'mod partikolari, id-detenzjoni ta' applikanti għandha tkun skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Il-proċeduri previsti minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' persuna detenuta għandhom jiġu applikati bħala kwistjoni ta' prijorita', fl-iqsar skadenzi possibbli. Fir-rigward tal-garanziji ġenerali li jirregolaw id-detenzjoni, kif ukoll il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni, fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/33/UE ukoll għal persuni detenuti abbażi ta' dan ir-Regolament.

---

🡻 604/2013 premessa 21

(28) Nuqqasijiet fi, jew fallimenti ta', sistemi tal-asil, spiss aggravati jew ikkontribbwiti għal pressjonijiet partikolari fuqhom, jistgħu ipoġġu f'perikolu it-tħaddim mingħajr problemi tas-sistema mpoġġija fis-seħħ taħt dan ir-Regolament, li jista' jwassal għal riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-applikanti kif stipulati fl-acquis tal-Unjoni dwar l-asil u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, drittijiet internazzjonali tal-bniedem oħra u drittijiet tar-rifuġjati.

⇩ ġdid

(29) Reġistrazzjoni korretta tal-applikazzjonijiet kollha għall-ażil fl-UE b'numru tal-applikazzjoni uniku għandha tgħin biex jiġu identifikati applikazzjonijiet multipli u jiġu impediti movimenti sekondarji irregulari u t-tiftix għall-aħjar ażil. Sistema awtomatizzata għandha tiġi stabbilita sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Din għandha tippermetti r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitati fl-UE, il-monitoraġġ effettiv tas-sehem ta' kull Stat Membru mill-applikazzjonijiet u l-applikazzjoni korretta tal-mekkaniżmu korrettiv tal-allokazzjoni.

(30) L-Aġenzija Ewropea għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011[23] għandha tkun responsabbli għall-preparazzjoni, l-iżvilupp u l-immaniġġjar operazzjonali tas-sistema ċentrali u għall-infrastrutturi tal-komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-infrastrutturi nazzjonali.

---

🡻 604/2013 premessa 22
⇨ ġdid

(31) ~~Għandu jiġi stabbilit proċess għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet tal-asil sabiex jiġu evitati deterjorazzjonijiet fi, jew il-falliment ta' sistemi ta' asil,, fejn l-EASO jaqdi rwol ewlieni bl-użu tas-setgħat tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni robusta fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament u biex tiġi żviluppata fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri fir-rigward tal-politika tal-asil Tali proċess għandu jiżgura li l-Unjoni tiġi avżata malajr kemm jista' jkun fejn ikun hemm tħassib li t-tħaddim tajjeb tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament qed jiġi pperikolat b'riżultat ta' pressjoni partikolari fuq, u/jew nuqqasijiet fis-sistemi tal-asil ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Proċess bħal dan jagħmilha possibbli għall-Unjoni li tippromwovi miżuri preventivi fi stadju bikri u tagħti l-attenzjoni politika xierqa lil sitwazzjonijiet bħal dawn. Is-solidarjetà, li hija element fundamentali fis-SEKA, timxi id f'id mal-fiduċja reċiproka. Billi tissaħħaħ tali fiduċja, il-proċess għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet ta' asil jista' jtejjeb it-tmexxija ta' miżuri konkreti ta' solidarjetà ġenwina u prattika lejn l-Istati Membri,sabiex jiġu megħjuna l-Istati Membri milqutin b'mod ġenerali u l-applikanti b'mod partikolari.~~ Skont l-Artikolu 80 ~~TFUE~~ tat-Trattat, li jitlob li l-atti tal-Unjoni għandu jkun fihom, fejn meħtieġ, miżuri xierqa biex iħaddmu l-prinċipju tas-solidarjetà.~~,~~ ⇨ Mekkaniżmu ta' allokazzjoni ta' korrezzjoni għandu jiġi stabbilit sabiex jiġi żgurat qsim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u aċċess rapidu tal-applikanti għall-proċeduri li jagħtu protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jkun konfrontat b'għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jkun responsabbli għalihom skont dan ir-Regolament. ⇦ ~~il-proċess għandu jiġi akkumpanjat minn miżuri bħal dawn. Il-konklużjonijiet dwar Qafas Komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika lejn Stati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluż permezz ta' flussi ta' migrazzjoni mħalltin, adottati mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2012, jipprovdu~~

---

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

~~għal "sett ta' għodda" ta' miżuri eżistenti u potenzjalment ġodda,li għandu jitqies fil-kuntest ta' mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet.~~

---

⇩ ġdid

(32) Fattur ibbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni u tal-ekonomija tal-Istati Membri għandu jiġi applikat bħala punt ta' referenza fl-operat tal-mekkaniżmu tal-allokazzjoni korrettiva flimkien ma' limitu massimu, sabiex il-mekkaniżmu jaħdem bħala mezz li jassisti lill-Istati Membri li jkunu jinsabu taħt pressjoni sproporzjonata. L-applikazzjoni tal-allokazzjoni korrettiva għall-benefiċċju ta' Stat Membru għandha tiġi attivata awtomatikament meta l-għadd tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li għalihom ikun responsabbli Stat Membru taqbeż il-150 % taċ-ċifra identifika fil-fattur ta' referenza. Sabiex jirriflettu b'mod komprensiv l-isforzi ta' kull Stat Membru, l-għadd ta' persuni risistemati effettivament f'dak l-Istat Membru għandu jiżdied mal-għadd ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali għall-finijiet ta' dan il-kalkolu.

(33) Meta japplika l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni, l-applikanti li ddepożitaw l-applikazzjonijiet tagħhom fl-Istat Membru li jkun qed jibbenefika għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri li jkunu taħt is-sehem tagħhom mill-applikazzjonijiet fuq il-bażi tal-fattur ta' referenza kif applikat għal dawk l-Istati Membri. Regoli adattati għandhom jiġu previsti f'każijiet meta applikant jista' għal raġunijiet serji jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, speċjalment regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti tal-ażil tal-Istati Membri. Wara t-trasferiment, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, u għandu jsir responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, sakemm il-kriterji prevalenti tar-responsabbli, b'rabta b'mod partikolari mal-preżenza ta' membri tal-familja ma jiddeterminax li għandu jkun responsabbli Stat Membru ieħor.

(34) Taħt il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni, l-ispejjeż tat-trasferiment ta' applikant lejn l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandhom jiġu rimborżati mill-baġit tal-UE.

(35) Stat Membru tal-allokazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jaċċettax l-applikanti allokati matul perjodu ta' tnax-il xahar, f'liema każ huwa għandu jdaħħal din l-informazzjoni fis-sistema awtomatizzata u jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. Wara dan l-applikanti li kienu se jiġu allokati lil dak l-Istat Membru għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri l-oħra minflok. L-Istat Membru li temporanjament ma jkunx qed jieħu sehem fl-allokazzjoni korrettiva għandhu jagħmel kontribuzzjoni ta' solidarjetà ta' EUR 250,000 għal kull applikant mhux aċċettat lill-Istat Membru li jiġi ddeterminat bħala responsabbli għall-eżami ta' dawn l-applikazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà f'att ta' implimentazzjoni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil se timmonitorja u tirrapporta għand il-Kummissjoni fuq bażi annwali dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tas-solidarjetà finanzjarja.

⬇ 604/2013 premessa 22

~~L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mal-EASO fil-ġbir ta' informazzjoni dwar l-abbiltà tagħhom li jieħdu ħsieb pressjoni partikolari fuq is-sistemi ta' asil u akkoljenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-EASO għandu jirrapporta regolarment dwar l-informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 439/2010.~~

⬇ 604/2013 premessa 24

(36) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[24], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-applikant u għandhom jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittjiet fundamentali u r-rispett għad-dinjità umana, kif ukoll l-aħjar interessi tat-tfal u t-teħid f'konsiderazzjoni tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.

⬇ 604/2013 premessa 25

(37) Il-ħolqien progressiv ta' żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' persuni jkun iggarantit skont it-TFUE u l-istabbiliment ta' politika tal-Unjoni dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u qagħad ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi sforzi komuni lejn l-amministrazzjoni ta' konfini esterni, jagħmel meħtieġ li jinstab bilanċ bejn kriterji ta' responsabbiltà u spirtu ta' solidarjetà.

⇩ ġdid

(38) Ir-*[Regolament dwar il-Protezzjoni Ġenerali tad-Dejta (UE).../2016]* japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istat Membru taħt dan ir-Regolament mid-data stipulata f'dak ir-Regolament; sa din id-data tapplika d-Direttiva 95/46/KE. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali adattati biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data personali ppproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġu evitati l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, l-alterazzjoni jew it-telf tad-data personali ppproċessata. L-awtorità superviżorja kompetenti jew l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lejn u mis-sistema awtomatizzata u lill-awtoritajiet kompetenti mit-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà.

24 ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3.

(39) L-ipproċessar tad-data personali mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Aażil għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u skont id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fi *[Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010]*.

---

🡻 604/2013 premessa 26 (adattat)

~~Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u fuq il-moviment ħieles ta' din id-data[25] tapplika għal proċessar ta' data personali mill-Istat Membru taħt dan ir-Regolament.~~

---

🡻 604/2013 premessa 27

~~L-iskambju tad-data personali rigward l-applikanti, inkluża data sensittiva dwar is-saħħa tiegħu jew tagħha, qabel trasferiment, jiżgura li l-awtoritajiet tal-asil kompetenti jkunu f'pożizzjoni biex jipprovdu l-applikanti b'assitenza adegwata u biex jiżguraw kontinwità fil-protezzjoni u d-drittjiet mogħtija lilhom. Għadhom isir provvedimenti speċjali biex tkun aċċertata il-protezzjoni tad-data relatata mal-applikanti involuti f'dik is-sitwazzjoni skont id-Direttiva 95/46/KE.~~

---

🡻 604/2013 premessa 28

(40) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew ikun issimplifikat l-ipproċessar ta' talbiet biex jittieħed inkarigu jew jittieħed lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għamil ta' trasferimenti.

---

🡻 604/2013 premessa 29

(41) Kontinwita bejn is-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament ~~(KE) Nru 343/2003~~ (UE) Nru 604/2013 u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkun żgurata. B'mod simili, konsistenza għandha tkun żgurata bejn dan ir-Regolament u r-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]* ~~tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"EURODAC" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna~~

[25] ~~ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.~~

MT MT

apolida u għal talbiet għal tqabbil ma' data tal-EURODAC mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi[26].

---

⇩ ġdid

(42) Għandu jiġi stabbilit netwerk ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għandu jiġu ffaċilitati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.

---

↓ 604/2013 premessa 30

(43) It-tħaddim tas-sistema tal-Eurodac, kif stabbilita bir-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]*, għandu jiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

↓ 604/2013 premessa 31

(44) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar il-Viża għal żjarat qosra[27], u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

↓ 604/2013 premessa 32

(45) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluża l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

---

26 Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali. Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal- "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

27 Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

🡻 604/2013 premessa 33

(46) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat implimentattivi fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal -eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi tal-Kummissjoni[28].

---

🡻 604/2013 premessa 34 (adattat)
⇨ ġdid

(47) Il-proċess ta' eżami għandu jintuża għall-adozzjoni ta' fuljett ta' informazzjoni dwar Dublin/Eurodac, kif ukoll bħala fuljett speċjali għal minorenni mhux akkumpanjati; bħala formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni relevanti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati; ta' kundizzjonjiiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' kundizzjonjiet uniformi dwar it-tħejjija u t-trasmissjoni ta' talbiet biex jittieħed inkarigu u ⇨ notifikazzjonijiet ⇦ ~~talbiet~~ għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' *laissez-passer*; ta' kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formula standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ċerifikat tas-saħħa komuni; ta' kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trasmissjoni elettronika għat-trasmissjoni ta' talbiet.

---

🡻 604/2013 premessa 35 (adattat)

(48) Sabiex jiġu provduti regoli supplimentari, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjat; il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari pprovati; il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed; l-elementi biex tiġi vvalutata rabta ta' dipendenza; il-kriterji biex tiġi evalwata l-kapaċità ta' persuna sabiex tieħu ħsieb ta' persuna dipendenti u l-elementi li jridu jittieħdu f'konsiderazzjoni sabiex tiġi vvalutata l-inabilità li wieħed jivjaġġa għal perjodu sinifikanti ta' żmien. Waqt li teżerċita s-segħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni m'għandiex teċċedi l-ambitu tal-aħjar interess tat-tfal kif previst taħt l-Artikolu ~~6~~8~~(3)~~ ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ⌧ u li dawn il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stipulati fil-Fehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April

---

28 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2016 ⌫. ⌦ B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-att delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri u l-espereti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jaħdmu fuq il-preparazzjoni tal-atti deledati ⌫ ~~Meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~

---

↓ 604/2013 premessa 36

(49) Fl-applikazzjoni tar-Regolament, inkluża t-tħejjija tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti minn, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha.

---

↓ 604/2013 premessa 37

(50) Ġew stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament ~~(KE) Nru 343/2003~~ (UE) Nru 604/2013 ~~ġew adottati~~ permezz tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 kif emendati mir-Regolament 118/2014 għandhom ikunu inkorporati f'dan ir-Regolament, jew għal raġunijiet ta' ċarezza jew minħabba li għandhom għan ġenerali. B'mod partikolari, huwa importanti, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-applikanti konċernati, li għandu jkun hemm mekkaniżmu ġenerali biex tinstab soluzzjoni f'każi fejn Stati Membri ma jaqblux dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa għalhekk ġustifikat li jkun inkorporat il-mekkaniżmu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar il-klawsola umanitarja f'dan ir-Regolament u li jkun estiż l-ambitu tiegħu għal dan ir-Regolament kollu.

---

↓ 604/2013 premessa 38

(51) Il-monitoraġġ effettiv ta' dan ir-Regolament jitlob illi huwa jiġi evalwat f'intervalli regolari.

---

⇩ ġdid

(52) Sabiex jiġi vvalutat jekk mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva f'dan ir-Regolament huwiex qed jilħaq l-objettiv li tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u li tittaffa l-pressjoni sproporzjonata fuq ċerti Stati Membri, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva u b'mod partikolari tivverifika li l-livell massimu biex tiskatta u biex tieqaf l-allokazzjoni korrettiva effettivament jiżgura li r-responsabilità tinqasam b'mod ġust bejn l-Istati Membri u aċċess rapidu tal-applikanti għall-proċeduri li jagħtu protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma' għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li għalihom huwa responsabbli skont dan ir-Regolament.

🡻 604/2013 premessa 39

(53) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rrikonoxxuti, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jfittex li jiżgura osservanza sħiħa tad-dritt tal-asil iggarantit bl-Artikolu 18 tal-Karta kif ukoll tad-drittijiet rikonoxxuti taħt l-Artikoli 1. 4. 7, 24 u 47 tiegħu. Dan ir-Regolament għandu għalhekk ikun implimentat kif meħtieġ.

---

🡻 604/2013 premessa 40

(54) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarita kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju ta' proporzjonalita, kif iddikjarat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan il-għan.

---

🡻 604/2013 premessa 41

~~F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, dawk l-Istati Membri innotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.~~

---

⇩ ġdid

(55) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

*OR*

(56) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]

*OR*

*(53) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.]*

*(54) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (, bl-itrra ta' ...,) ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*

*JEW*

*(53) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit nnotifika (, bl-itrra ta' ...,) ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*

*(54) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.*

---

🡻 604/2013 premessa 42

(57) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## *SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET*

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru ⌦ individwali ⌫ responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni

internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ("l-Istat Membru Responsabbli").

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a)"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li mhijiex ċittadin ta' Stat li jipparteċipa f'dan ir-Regolament permezz ta' ftehim mal-Unjoni ~~Ewropea~~;

(b)"applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(c)"applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(d)"eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" tfisser kull eżami ta', jew deċiżjoni dwar, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2011/95/UE u d-Direttiva 2013/32/UE ħlief għal proċeduri li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament;

(e)"irtirar ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali "tfisser azzjonijiet li bihom l-applikant itemm il-proċeduri mibdijin bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu, skont id-Direttiva 2013/32/UE jew b'mod espliċitu jew taċitu;

(f)"benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li ngħataw protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(g)"membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti ⇨ qabel l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri ⇦ ~~fil-pajjiż ta' oriġini~~, dawn il-membri tal-familja tal-applikant li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

– il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;

– it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil-kondizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;

– meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

– meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċjarju jkun preżenti;

⇩ ġdid

– l-aħwa tal-applikant;

🡻 604/2013

(h)"qarib" ifisser iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stati Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twilidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:

(i)"minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta' 18-il sena;

(j)"minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit- it-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi kif ukoll bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li huwa jew hija ma tkunx fil-kura ta' tali adult; din tinkludi minorenni li j/titħalla mhux akkumpanjat/a wara li huwa jew hija jkunu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri;

(k)"rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ. Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(l)"dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida biex joqgħod fit-territorju tiegħu, inklużi d-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu ordni ta' tneħħija milli tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perijodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(m)"viża" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal transitu jew dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri. In-natura tal-viża għandha tkun iddeterminata skont id-definizzjonijiet li ġejjin:

– "viża għal soġġorn twil" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu jew il-liġi tal-Unjoni rekwiżita għal dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru ta' aktar minn tliet xhur;

– "viża għal soġġorn qasir" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru bil-ħsieb ta' transitu minn jew soġġorn intenzjonat fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew kollha ta' tul ta' mhux aktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur li jibda fid-data tal-ewwel dħul fuq it-territorju tal-Istati Membri;

– “viża għal transitu f’ajruport” tfisser viża valida għal transitu miż-żoni ta’ transitu internazzjonali f’ajruport wieħed jew aktar tal-Istati Membri.

(n)“riskju ta’ ħarba” tfisser l-eżistenza ta’ raġunijiet f’każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ddefiniti mil-liġi, biex wieħed jaħseb li applikant jew ċittadin ta’ pajjiż terż jew ta’ persuna mingħajr Stat li huwa soġġett għal proċedura ta’ trasferiment jista’ jaħrab.;

---

⇩ ġdid

(o) “l-Istat Membru li qed jibbenefika’ tfisser l-Istat Membru li qed jibbenefika mill-mekkaniżmu ta’ allokazzjoni korrettiva stabbilit fil-Kapitolu VII ta’ dan ir-Regolament u li qed iwettaq l-allokazzjoni tal-applikant;

(p) “Stat Membru tal-allokazzjoni” tfisser l-Istati Membri li applikant se jiġu allokat fih skont il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni stabbilit fil-Kapitolu VII ta’ dan ir-Regolament;

(q) “persuna risistemata” tfisser persuna soġġetta għall-proċess ta’ risistemazzjoni li bih, fuq talba mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (“UNHCR”) ibbażata fuq il-ħtieġa ta’ persuna għal protezzjoni internazzjonali, ċittadini ta’ pajjiżi terzi jiġu ttrasferiti minn pajjiż terz u stabbiliti fi Stat Membru fejn jingħataw permess jirrisjedu b’wieħed mill-istatus li ġejjin:

(i) ‘status ta’ refuġjat’ skont it-tifsira tal-punt (e) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE;

(ii) ‘status ta’ protezzjoni sussidjarja’ skont it-tifsira tal-punt (g) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE; jew

(iii) kwalunkwe status ieħor li joffri drittijiet u benefiċċji simili skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni bħal dawk imsemmijin fil-punti (i) u (ii);

(r) “Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil” tfisser l-Aġenzija kif stabbilita mir-Regolament (UE) [proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010].

---

🡻 604/2013

## KAPITOLU II

## *PRINĊIPJI ĠENERALI U SALWAGWARDJI*

*Artikolu 3*

**L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta’ applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li japplika fit-territorju ta’ xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta’ transitu. L-applikazzjoni għandha tkun eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji ddikjarati fil-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament juru li huwa responsabbli.

2. Fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

Fejn huwa impossibbli li applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

Fejn it-trasferiment ma jistax isir skont dan il-paragrafu għal kwalunkwe Stat Membru nominat abbażi tal-kriterji stipulati fil-Kapitolu III jew għall-ewwel Stat Membru li miegħu tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni, l-Istat Membru determinanti għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

~~3. Kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt, li jibgħat applikant lejn pajjiż terz sikur, soġġett għar-regoli u s-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva 2013/32/UE.~~

3. Qabel japplika l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-Kapitoli III u IV, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu:

*(a) jeżamina jekk l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hijiex inammissibbli skont l-Artikolu 33(2) ittri b) u c) tad-Direttiva 2013/32/UE meta pajjiż li ma jkunx Stat Membru jiġi kkunsidrat bħala l-ewwel pajjiż tal-ażil jew bħala pajjiż terz sikur għall-applikant; u*

*(b) jeżamina l-applikazzjoni bi proċedura aċċellerata skont l-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE meta japplikaw ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(i) l-applikant ikollu ċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, jew ikun/tkun persuna apolida u kien/kienet preċedentement, abitwalment residenti f'dak il-pajjiż, indikat bħala pajjiż ta' oriġini sikur fl-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri stabbilita skont ir-Regolament [Proposta COM (2015) 452 tad-9 ta' Settembru 2015]; jew*

*(ii) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jiġi kkunsidrat bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ġie espuls bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ta' ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.*

*4. Meta l-Istat Membru jqis li talba hija inammissibbli jew jeżamina applikazzjoni fi proċedura aċċellerata skont il-paragrafu 3, dak l-Istat Membru għandu jitqies bħala l-Istat Membru responsabbli.*

*5. L-Istat Membru li jkun eżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, għandu jkun responsabbli biex jeżamina kwalunkwe rappreżentazzjoni addizjonali jew applikazzjoni sussegwenti ta' dak l-applikant skont l-Artikoli 40, 41 u 42 tad-Direttiva 2013/32/UE, irrispettivament minn jekk l-applikant ikunx ħalla jew tneħħa mit-territorju tal-Istati Membri.*

*Artikolu 4*

**L-obbligi tal-applikant**

*1. Fejn persuna li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali tkun daħlet irregolarment fit-territorju tal-Istati Membri, l-applikazzjoni għandha ssir fl-Istat Membru ta' dak l-ewwel dħul. Fejn persuna li jkollha l-ħsieb tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun legalment preżenti fi Stat Membru, l-applikazzjoni għandha ssir f'dak l-Istat Membru.*

*2. L-applikant għandu jissottometti malajr kemm jista' jkun u l-aktar tard matul l-intervista skont l-Artikolu 7, l-elementi u l-informazzjoni rilevanti kollha biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u għandu jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.*

*3. L-applikant għandu:*

*(a) jikkonforma ma' deċiżjoni ta' trasferiment innotifikata lilu jew lilha skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 27, u l-punt (b) tal-Artikolu 38;*

*(b) ikun preżenti u disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-applikazzjoni, rispettivament fl-Istat Membru li fih hu jew hi ġie trasferit.*

*Artikolu 5*

**Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità**

*1. Jekk applikant ma jissodisfax l-obbligu stipulat fl-Artikolu 4(1), l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament għandu jeżamina l-applikazzjoni bi proċedura aċċellerata, f'konformità mal-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE.*

*2. L-Istat Membru li fih l-applikant huwa obbligat ikun preżenti għandu jkompli l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli anki meta l-applikant ikun telaq mit-territorju ta' dak l-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni jew inkella ma jkunx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.*

*3. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet tal-akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli minn 14 sa 19 tad-Direttiva 2013/33/UE, bl-eċċezzjoni ta' kura tas-saħħa ta' emerġenza, matul il-proċeduri skont dan ir-Regolament fi kwalunkwe Stat Membru minbarra dak li fih hu jew hi jkunu meħtieġa jkunu preżenti.*

*4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biss sa fejn dawn ġew ippreżentati sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 4(2).*

| ⬇ 604/2013 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu ~~4~~ 6*

**Dritt għall-informazzjoni**

1. Malli applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata fis-sens tal-Artikolu ~~20~~ 21(2) fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ⇨ u dwar l-obbligazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 kif ukoll bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità stipulati fl-Artikolu 5 ⇦, u b' mod partikulari ~~li~~:

| ⇩ ġdid |
|---|

(a) id-dritt li japplika għal protezzjoni internazzjonali ma jinkludix l-għażla min-naħa tal-applikant ta' liema Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

| ⬇ 604/2013 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(~~a~~b) ⌦ of ⌫ għanijiet ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi jekk issir applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll il-konsegwenzi ~~jekk ikun hemm ċaqliq minn Stat Membru għal ieħor~~ ⇨ jekk iħalli l-Istat Membru fejn ikun obbligat jibqa' ⇦ matul il-fażijiet li fihom l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ikun qed jiġi determinat u l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun qed tiġi eżaminata ⇨ , b'mod partikolari li l-*applikant ma għandux ikun intitolat għall-kondizzjonijiet ta' akkoljenza stipulati fl-Artikoli 14 sa 19 tad-Direttiva 2013/33/UE fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ħlief f'dak fejn huwa meħtieġ jibqa' bl-eċċezzjoni ta' kura tas-saħħa ta' emerġenza* ⇦ ;

(~~b~~c) ⌦ dwar ⌫ il-kriterji ⇨ u l-proċeduri ⇦ sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli il-ġerarkija ta' tali kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul tagħhom, ~~inkluż il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata fi Stat Membru wieħed tista' tirriżulta, li dak l-Istat Membru jsir responsabbli skont dan ir-Regolament anki jekk tali responsabbiltà ma tkunx abbażi ta' dawk il-kriterji~~;

(~~c~~d) ⌦ dwar ⌫ l-intervista personali skont l-Artikolu ~~5~~ 7 u l-~~possibbiltà~~ ⇨ obbligu ⇦ li tiġi ppreżentata ⇨ u ssustanzjata ⇦ informazzjoni dwar il-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inklużi l-mezzi li bihom l-applikant jista' jippreżenta tali informazzjoni;

(~~d~~e) ⌦ dwar ⌫ il-possibbiltà li tiġi kontestata deċiżjoni ta' trasferiment ~~u, fejn applikabbli, li ssir applikazzjoni għas-sospensjoni tat-trasferiment~~ ⇨ fi żmien sebat ijiem wara n-notifika u dwar il-fatt li din il-kontestazzjoni għandha tkun limitata għal valutazzjoni ta' jekk l-Artikoli 3(2) dwar l-eżistenza ta' trattament inuman jew degredanti jew l-Artikoli 10 sa 13 u 18 ġewx miksura ⇦ ;

(~~e~~f) ~~il-fatt~~ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ⇨ u Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jipproċessaw data personali tal-applikant inkluż biex ⇦~~jistgħu~~ jagħmlu skambju ta' data dwaru jew dwarha għar-raġuni biss tal-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom li jiġu minn dan ir-Regolament;

---

⇩ ġdid

(g) il-kategoriji tad-data personali inkwistjoni;

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

(~~f~~h) ⌦ dwar ⌫ id-dritt għall-aċċess għad-data dwaru jew dwarha, u d-dritt li titlob li tali data tiġi korretta jekk ma tkunx eżatta jew tiġi mħassrajekk ma tkunx ipproċessata skont il-liġi, kif ukoll il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, inklużi d-dettalji tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu ~~35~~ 47 u tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data responsabbli sabiex jisimgħu pretensjonijiet rigward il-protezzjoni tad-data personali ⇨ , u tad-dettalji tal-kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data; ⇦ ~~.~~

---

⇩ ġdid

(i) fejn applikabbli, dwar il-proċedura tal-allokazzjoni stipulata fil-Kapitolu VII.

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem. L-Istati Membri għandhom jużaw fuljett komuni mfassal skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.

Fejn ikun neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, pereżempju b'rabta mal-intervista personali kif imsemmija fl-Artikolu ~~5~~ 7.

3. Il-Kumissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal fuljett komuni, kif ukoll fuljett speċifiku għall-minorenni mhux akkumpanjati, li jkun fih tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-fuljett komuni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) *[Proposta ta' Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament Nru 603/2013]* u, b'mod partikolari, għall-fini li għaliha d-data tal-applikant ikkonċernat tista' tiġi pproċessata fil-Eurodac. Il-fuljett komuni għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ~~44~~ 56(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu ~~5~~ 7*

**L-Intervista personali**

1. Biex jiffaċilita l-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru determinanti għandu jagħmel intervista personali mal-applikant ⇨ , sakemm l-applikant ma jkunx ħarab jew l-informazzjoni mogħtija mill-applikant skont l-Artikolu 4(2) tkun biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli ⇦ . L-intervista għandha tippermetti wkoll li tinftiehem tajjeb l-informazzjoni mogħtija lill-applikant skont l-Artikolu ~~4~~ 6.

~~2. L-intervista personali tista' ma ssirx jekk:~~

~~(a) l-applikant ikun ħarab; jew~~

~~(b) wara li jkun irċieva l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 l-applikant ikun diġà pprovda l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli b'mezz ieħor. L-Istat Membru li ma jagħmilx l-intervista għandu jagħti l-opportunità lill-applikant li jippreżenta l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti biex jiġi determinat l-Istat Membru responabbli qabel ma tittieħed deċiżjoni li l-applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26(1).~~

~~3~~2. L-intervista personali għandha ssir fi żmien xieraq u, f'kull każ, qabel ~~tittieħed xi deċiżjoni biex applikant ikun trasferit lejn l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26(1)~~ ⇨ ma ssir kwalunkwe talba ta' teħid ta' inkarigu skont l-Artikolu 24 ⇦ .

~~4~~3. L-intervista personali għandha ssir f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem u li biha huwa jew hija jkun kapaċi jikkomunika. Fejn neċessarju, l-Istati Membru għandhom ikollhom interpretu li jkun jista' jiżgura l-komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-persuna li tagħmel l-intervista personali.

~~5~~4. L-intervista personali għandha ssir f'kondizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali.

~~6~~5. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun f'għamla ta' rapport jew għamla standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant u/jew il-konsulent legali jew kunsillier ieħor li qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.

*Artikolu ~~6~~ 8*

**Garanziji għall-minorenni**

1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. ⌦ Kull ⌫ Stat~~i~~ Membr~~ui~~ ⇨ fejn minorenni mhux akkumpanjat jkun obbligat li jibqa' ⇦għand~~uhom~~ jiżgura~~w~~ li rappreżentant jirraprezenta u/jew jgħin lill-minorenni mhux akkompanjat fir-rigward tal-proċeduri ~~kollha~~ ⌦ rilevanti ⌫ stabbiliti minn dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu l-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li l-aħjar interessi tal-minuri jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-fuljett speċifiku għall-persuni minorenni mhux akkumpanjati.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/32/UE.

3. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benessri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, b'konsiderazzjoni partikolari għall-isfond tal-minorenni.

(c) konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorennijkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin;

(d) il-fehmiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu/tagħha.

---

⇩ ġdid

4. Qabel it-trasferiment ta' minorenni lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' allokazzjoni, l-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tal-allokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 24 tad-Direttiva 2013/33/UE u tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/32/UE mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun preċedut minn valutazzjoni l-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 3. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikunu żgurati li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

~~4~~5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu ~~8~~ 10, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni adatta biex jidentifika l-membri tal-familja~~, aħwa~~ jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġu l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Għal dak il-fini, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mill-organizzazzjonijiet internazzjonali jew dawk oħrajn rilevanti, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.

Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu ~~35~~ 47 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.

~~5~~6. Bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet adatti biex jiġu identifikati l-membru tal-familja~~, ħu/oħt~~ jew il-qraba ta' minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu ~~4~~ 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

## KAPITOLU III

## *IL-KRITERJI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI*

*Artikolu ~~7~~ 9*

**Ġerarkija ta' kriterji**

1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati ⇨ darba biss ⇦ fl-ordni li fiha huma ddikjarati f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabiliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikant iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu jew tagħha għand Stat Membru.

~~3. Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 8, 10 u 16, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kull evidenza disponibbli rigward il-preżenza, fit-territorju ta' Stat Membru, ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra tal-applikant, bil-kundizzjoni li tali evidenza tiġi ppreżentata qabel ma Stat Membru ieħor jaċċetta t-talba biex jassumi r-responsabbiltà għall-persuna kkonċernata jew biex jeħodha lura, skont l-Artikoli 22 u 25 rispettivament, u li l-applikazzjonijiet preċedenti għall-protezzjoni internazzjonali tal-applikant ikunu għadhom ma kienux is-suġġett ta' deċiżjoni tal-ewwel dwar is-sustanza.~~

*Artikolu ~~8~~ 10*

**Minorenni**

⌦ **1. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, il-kriteji stabbiliti f'dan l-artikolu biss għandhom japplikaw, fl-ordni li fihom huma ppreżentati fil-paragrafi 2 sa 5.** ⌫

~~1~~2. ~~Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l~~L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja ~~jew ħu jew oħt~~ tal~~i~~-minorenni mhux akkumpanjat ikun~~u~~ legalment preżenti, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minuri, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti

~~2~~3. Fejn l-applikant ~~huwa minorenni mhux akkumpanjat li~~ għandu qarib li huwa legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

~~3~~4. Fejn membri tal-familja~~, aħwa~~ jew qraba kif imsemmijin fil-paragrafi ~~1~~ 2 u ~~2~~ 3 joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għandu jiddeċiedi fuq il-bażi ta' x'inhu l-aħjar interess tal-persuna minorenni mhux akkumpanjata.

~~4~~5. Fl-assenza ta' membru tal-familja~~, ħu jew oħt~~ jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi ~~1~~ 2 u ~~2~~ 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-minorenni mhux akkumpanjat jkun iddepożita ⇨ l-ewwel ⇦ l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali, ~~sakemm dan ikun~~ ⌦ sakemm ma jkunx muri li dan mhux ⌫fl-aħjar interess tal-persuna minorenni.

~~5~~6. Il-Kummissjoni ~~għandha tingħata~~ ⌦ ngħatat ⌫ is-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu ~~45~~ 57 dwar l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja~~, aħwa~~ jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat; il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari pprovati; il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed; Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti ddelegati, il-Kummissjoni ma għandhiex teċċedi l-ambitu tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu ~~6~~ 8(3).

~~6~~7. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

*Artikolu ~~9~~ 11*

**Membri tal-familja li huma benefiċarji tal-protezzjoni internazzjonali**

Fejn l-applikant għandu membru tal-familja, bla ma jitqies jekk il-familja kenitx ifformata qabel fil-pajjiż ta' oriġini jew le, li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu ~~10~~ 12*

**Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali**

Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma kenitx suġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu ~~11~~ 13*

**Il-proċedura tal-familja**

Fejn diversi membri ta' familja ~~u/jew aħwa minorenni mhux miżżewġin~~ jissottomettu applikazzjonijiet għall- protezzjoni internazzjonali fl-istess Stat Membru fl-istess ħin, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli jitmexxew flimkien, u fejn l-applikazzjoni tal-kriterji ddikjarati f'dan ir-Regolament tista' twassal biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-responsibbiltà biex ikunu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għall-membri tal-familja kollha u/jew aħwa minorenni mhux miżżewġin għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu inkarigu tal-akbar numru tagħhom;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

*Artikolu ~~12~~ 14*

**Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża**

1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu⇨ jew dokument ta' residenza li skada inqas minn sentejn qabel għamel l-ewwel applikazzjoni ⇦, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

2. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' viża valida ⇨ jew viża li tkun skadiet inqas minn sitt xhur qabel għamel l-ewwel applikazzjoni ⇦, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi tal-Viża tal-Komunità~~ [29]. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

3. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jassumuha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perijodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar tard id-data ta' skadenza;

(b) l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza fejn il-viżas varji huma tal-istess tip;

(c) fejn viżas huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perijodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza.

~~4. Fejn l-applikant ikun fil-pussess biss ta' dokument ta' residenza wieħed jew aktar li jkunu skadew inqas minn sentejn qabel jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn sitt xhur qabel u li ppermettwelu jew ippermettwelha biex attwalment jidħol/tidħol fit-territorju ta' Stat Membru, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw għal tali żmien li l-applikant ma jkunx ħareġ mit-territorji tal-Istati Membri.~~

~~Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza wieħed jew aktar li jkunu skadew aktar minn sentejn qabel jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew aktar minn sitt xhur qabel u li ppermettwelu jew ippermettwelha biex attwalment jidħol/tidħol fit-territorju ta' Stat Membru u fejn huwa/hija ma ħarġitx mit-territorji tal-Istati Membri, l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija ddepożitata għandu jkun responsabbli.~~

~~5~~4. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew assunta jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi m'għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża m'għandux ikun responsabbli jekk jista' jkun stabbilit li l-frodi kienet kommessa wara li d-dokument jew viża kien inħareġ/kienet inħarġet.

[29] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

*Artikolu ~~13~~ 15*

**Dħul ~~u/jew permanenza~~**

~~1.~~ Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu ~~22(3)~~ 25(4) ta' dan ir-Regolament, inklużi d-data li jirreferi għalihom ~~il-Kapitolu III ta~~ir-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*, li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-Istat Membru hekk ippenetrat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ~~Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf 12-il xahar wara d-data li fiha l-qsim irregolari tal-konfini jkun seħħ.~~

~~2. Meta Stat Membru ma jistax jew ma jkunx jista' jibqa' jinżamm responsabbli skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3), li l-applikant - li jkun daħal fit-territorji tal-Istati Membri b'mod irregolari jew li ċ-ċirkostanzi tad-dħul tagħha ma jistgħux ikunu stabbiliti - ikun qed joqgħod għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas ħames xhur fi Stat Membru qabel ma ddepożita l-applikazzjoni, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali~~

~~Jekk l-applikant kien joqgħod għal perjodi ta' żmien ta' mill-inqas ħames xhur fi Stati Membri diversi, l-Istat Membru fejn huwa jew hija kienu jgħixu l-aktar reċentement għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.~~

*Artikolu ~~14~~ 16*

**Dħul b'rinuzja għall-viża**

~~1.~~ Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jidħol fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-ħtieġa li jkollu viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu.

~~2. Il-prinċipju stipulat fil-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jiddepożita l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu fi Stat Membru ieħor, li fih il-ħtieġa li jkollu viża għad-dħul fit-territorju tkun ukoll irrinunzjata. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.~~

*Artikolu ~~15~~ 17*

**Applikazzjoni għal żona ta' transitu internazzjonali f'ajruport**

Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir fiż-żona internazzjonali ta' transitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

## KAPITOLU IV

## *PERSUNI DIPENDENTI U KLAWSOLI DISKREZZJONALI*

*Artikolu ~~16~~ 18*

**Persuni dipendenti**

1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa jew xjuħija, applikant ikun jiddependi fuq l-assistenza ta' uliedu jew uliedha, ħuh/oħtu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild tiegħu/tagħha, ħuh/oħtu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew iġibu flimkien l-applikant ma' dak il-wild, ħu/oħt jew ġenitur, sakemm ir-rabtiet tal-familja kienu jeżistu fil-pajjiż tal-oriġni jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

2. Fejn il-wild, ħu/oħt jew ġenitur, imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild, ħu/oħt jew ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma tkunx iżżommu jew iżżommha milli tivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perijodu ta' żmien sinfikanti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru m'għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild, ħu/oħt jew ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

3. Il-Kummissjoni ~~għandha~~ tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu ~~45~~ 57 rigward l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati biex tiġi vvalutata r-rabta ta' dipendenza, il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari pprovati, il-kriterji biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti u l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati biex tiġi vvalutata l-inkapaċità li wieħed jivvjaġġa għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

4. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

*Artikolu ~~17~~ 19*

**Klawsoli diskrezzjonali**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3(1), ⇨ u biss sakemm ma jkun ġie ddeterminat l-ebda Stat Membru responsabbli ⇦ kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz jew apolidu ⇨ abbażi ta' raġunijiet familjali fir-rigward tal-familja usa' mhux koperta mill-Artikolu 2(g) ⇦ , ukoll jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

L- Istat Membru li jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont dan il-paragrafu għandu jsir l-Istat Membru responsabbli u għandu jassumi l-obbligi assoċjati ma' dik ir-responsabbiltà. Fejn jixraq, huwa għandu jgħarraf, ~~billi juża in-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilita skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003,~~ lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, l-Istat Membru li jmexxi proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu ~~minn, jew biex jieħu lura l-~~mill-applikant.

L-Istat Membru li jsir responsabbli skont dan il-paragrafu għandu minnufih jindika dak il-fatt fil-Eurodac skont ir-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]* billi jżid id-data ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni sabiex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli~~, jew l-Istat Membru~~

~~responsabbli~~ jista', fi kwalunkwe ħin qabel ⇨ ma jkun ġie ddeterminat Stat Membru responsabbli ⇦ ~~ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza~~, jitlob Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex jġib flimkien kwalunkwe relazzjonijiet familjari~~, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali~~, ukoll fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhux responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli ~~8~~ 10 sa ~~11~~ 13 u ~~16~~ 18. Il-persuni kkonċernati għandhom juru li jaqblu bil-miktub.

It-talba biex jittieħed l-inkarigu għandha jkollha fiha l-materjal kollu fil-pussess tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba sabiex jippermetti lill-Istat Membru mitlub biex jistma s-sitwazzjoni.

L-Istat Membru mitlub għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarja msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fi żmien ~~xahrejn~~ ⇨ xahar ⇦ mid-data minn meta jirċievi t-talba ~~permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003~~. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet fuq liema ġie bbażat ir-rifjut.

Fejn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jaċċetta t-talba, ir-responsabbilta biex jeżamina l-applikazzjoni għandha tkun ittrasferita lilu.

# KAPITOLU V

## *OBBLIGI TAL-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI*

*Artikolu ~~18~~ 20*

**Obbligi tal-Istat Membru responsabbli**

1. L-Istat Membru responsabbli taħt dan ir-Regolament għandu jkun obbligat:

(a) jieħu inkarigu, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli ~~21~~ 24, ~~22~~ 25 u ~~29~~ 30, ta' applikant li jkun iddepożita applikazzjoni fi Stat Membru differenti;

(b) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli ~~23,~~ 26 ~~24, 25~~ u ~~29~~ 30, applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun taħt eżami u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr document ta' residenza;

(c) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli ~~23,~~ 26 ~~24, 25~~ u ~~29~~ 30, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun irtira l-applikazzjoni taħt eżami u jkun għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza;

(d) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli ~~23,~~ 26 ~~24, 25~~ u ~~29~~ 30, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li l-applikazzjoni tiegħu kienet rifjutata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza.

---

⇩ ġdid

(e) jieħu lura, bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 26 u 30 benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jkun għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat Membru responsabbli li ta l-istatus ta' protezzjoni jew li jkun fit-

territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat Membru responsabbli li ta l-protezzjoni mingħajr document ta' residenza.

2. F'sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew ilesti l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

3. F'sitwazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew ilesti l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bi proċedura aċċellerata skont l-Artikolu 31 il-paragrafu 8 tad-Direttiva 2013/32/UE.

4. F'sitwazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1, l-Istat Membru responsabbli għandu jitratta kwalunkwe rappreżentazzjoni oħra jew applikazzjoni ġdida mill-applikant bħala applikazzjoni sussegwenti skont id-Direttiva 2013/32/UE.

5. F'sitwazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1, id-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet responsabbli tal-Istat Membru responsabbli li jiċħdu l-applikazzjoni ma għandhiex tibqa' soġġetta għal rimedju skont il-qafas tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2013/32/UE.

6. Fejn Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, l-obbligi msemmja fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ttrasferiti lil dak l-Istat Membru.

7. L-Istat Membru responsabbli għandu jindika fil-fajl elettroniku msemmi fl-Artikolu 22(2) il-fatt li huwa hu l-Istat Membru responsabbli.

---

| ↓ 604/2013 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

~~2. Fil-każijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1(a) u (b), l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew jikkompleta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali magħmula mill-applikant.~~

~~F'każijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1(c), meta l-Istat Membru responsabbli ma kienx kompla bl-eżami ta' applikazzjoni minħabba l-irtirar tagħha mill-applikant qabel ma ttieħdet deċiżjoni fl-ewwel istanza dwar is-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant huwa intitolat jagħmel talba li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha jitkompla jew li tiġi ddepożitata applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali, li ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala applikazzjoni sussegwenti kif previst fid-Direttiva 2013/32/UE. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitlesta l-eżami tal-applikazzjoni.~~

~~Fil-każijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-paragrafu 1(d), fejn l-applikazzjoni ġiet irrifjutata biss fl-ewwel istanza, l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li l-persuna kkonċernata għandha jew kellha l-opportunità li tfittex rimedju effettiv, skont l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE.~~

~~*Artikolu 19*~~

~~**Tmiem tar-responsabbilitajiet**~~

~~1. Fejn Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, l-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18(1), għandhom ikunu ttrasferiti lil dak l-Istat Membru.~~

~~2. L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18(1) għandhom jieqfu fejn l-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi, fejn mitlub li jieħu ħsieb jew jieħu applikant jew persuna oħra lura kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d), li l-persuna kkonċernata tkun ħalliet it-territorju tal-Istati Membri għall-inqas għal tliet xhur, sakemm il-persuna kkonċernata ma tkunx fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu maħruġ mill-Istat Membru responsabbli.~~

~~Applikazzjoni ddepożitata wara l-perijodu ta' assenza msemmi fl-ewwel subparagrafu għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida li twassal għal proċedura ġdida biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli.~~

~~3. L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18 (1)(c) u (d), għandhom jieqfu fejn l-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi, meta mitlub li jieħu lura applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18 (1)(c) jew (d), li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kien ħareġ wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni~~

~~Applikazzjoni ddepożitata wara li sseħħ tkeċċija effettiva għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida u twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membur responsabbli.~~

## KAPITOLU VI

## *IL-PROĊEDUR<u>AI</u> ~~TA' TEHID TA' INKARIGU U TA' TEHID LURA~~*

## *DTAQSIMA I*

### *IL-BIDU TAL-PROĊEDURA*

*Artikolu ~~20~~ <u>21</u>*

**Il-bidu tal-proċedura**

1. Il-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għandu jibda hekk kif applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata għall-ewwel darba għand Stat Membru⇨ , sakemm l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni ma jkunx diġà l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 3(4) jew (5) ⇦ .

2. Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies li kienet iddepożitata meta formola sottomessa mill-applikant jew rapport ippreparat mill-awtoritajiet ikun wasal għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn applikazzjoni ma ssirx bil-miktub, iż-żmien li jgħaddi bejn id-dikjarazzjoni ta' intenzjoni u l-preparazzjoni ta' rapport għandu jkun kemm jista' jkun qasir.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, is-sitwazzjoni ta' minorenni li jkun jakkumpanja lill-applikant u li jissodisfa d-definizzjoni ta' membru tal-familja għandha tkun indissoċjabbli minn dik tal-membru tal-familja tiegħu/tagħha u għandha tkun materja tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' dak il- membru tal-familja, ukoll jekk il-minorenni mhuwiex/mhijiex individwalment applikant(a), sakemm huwa fl-aħjar interess tal-minorenni. L-istess trattament għandu jkun applikat lil tfal imwielda wara li l-applikant jasal fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr il-ħtieġa li titnieda proċedura ġdida biex wieħed jinkariga ruħu minnhom.

4. Fejn applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata għand l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru minn applikant li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għandha tintgħamel mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikant ikun preżenti. L-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun infurmat mingħajr dewmien mill-Istat Membru li jkun irċieva l-applikazzjoni u mbagħad għandu, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, ikun ikkunsidrat bħala l-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata.

L-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub b'dan it-tibdil fl-Istat Membru determinanti u bid-data li fiha sar.

5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jew li hemm iddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali wara li jirtira l-ewwel applikazzjoni tiegħu magħmula fi Stat Membru ieħor matul il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għandu jittieħed lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli ~~23,~~ 26 ~~24, 25~~ u ~~29~~ 30, mill-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet l-ewwel iddepożitata~~, bil-ħsieb li jtemm il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli~~.

~~Dak l-obbligu għandu jieqaf meta l-Istat Membru mitlub biex jikkompleta l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi li l-applikant sadattant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' mill-inqas tliet xhur jew ikun kiseb dokument ta' residenza minn Stat Membru ieħor.~~

~~Applikazzjoni ddepożitata wara l-perijodu ta' assenza msemmi fit-tieni subparagrafu għandha tkun meqjusa bħala applikazzjoni ġdida li twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.~~

---

⇩ ġdid

***TAQSIMA II***

***Reġistrazzjoni u monitoraġġ tal-applikazzjonijiet***

*Artikolu 22*

**Reġistrazzjoni**

*1.* L-Istat Membru fejn tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jdaħħal fis-sistema awtomatika msemmija fl-Artikolu 44(1) fi żmien il-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament *[proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]* li:

(a) din l-applikazzjoni ġiet iddepożitata;

(b) fejn applikabbli, ħoloq għall-applikazzjonijiet *ta' membri tal-familja jew qraba li jkunu qed jivvjaġġaw flimkien*;

(c) in-numru ta' referenza msemmi fl-Artikolu 12(i) tar-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*.

2. Malli tiġi rreġistrata l-informazzjoni skont il-paragrafu 1, is-sistema awtomatika msemmija fl-Artikolu 44 għandha tirreġistra kull applikazzjoni b'numru tal-applikazzjoni uniku, toħloq fajl elettroniku għal kull applikazzjoni u tikkomunika n-numru tal-applikazzjoni uniku lill-Istat Membru tal-applikazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil bl-informazzjoni dwar l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew effettivament risistemati fuq bażi ta' kull ġimgħa. L-Aġenzija għandha tivvalida din l-informazzjoni u ddaħħal id-data fis-sistema awtomatika.

4. Meta hit fl-EURODAC tindika li l-applikant ikun diġà ddepożita applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali qabel ma jkun telaq jew qabel ma jkun tneħħa mit-territorji tal-Istati Membri, l-Istat Membru li fih tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni l-ġdida għandu jindika wkoll liema Stat Membru kien l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni preċedenti.

5. L-Istat Membru fejn tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni għandu jfittex fil-VIS skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. Meta hit fil-VIS tindika li l-applikant huwa fil-pussess ta' viża valida jew viża li skadiet inqas minn sitt xhur qabel iddepożita l-ewwel applikazzjoni, l-Istat Membru għandu jindika n-numru tal-applikazzjoni tal-viża u l-Istat Membru li l-awtorità tiegħu tkun ħarġet jew estendiet il-viża u jekk il-viża tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor.

*Artikolu 23*

**Informazzjoni fis-sistema awtomatizzata**

1. Is-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) għandha tindika f'ħin reali:

(a) l-għadd totali tal-applikazzjonijiet iddepożitati fl-Unjoni;

(b) l-għadd attwali ta' applikazzjonijiet iddepożitati f'kull Stat Membru;

(c) l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi risistemati f'kull Stat Membru;

(d) l-għadd attwali ta' applikazzjonijiet li jridu jiġu eżaminati minn kull Stat Membru bħala l-Istat Membru responsabbli;

(e) is-sehem ta' kull Stat Membru skont il-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 35.

2. Fil-fajl elettroniku msemmi fl-Artikolu 22(2) għandha tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja biss:

(a) in-numru tal-applikazzjoni uniku msemmi fl-Artikolu 22(2):

(b) ħolqa għall-applikazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 22(1) u 22(4);

(c) in-numru ta' referenza msemmi fl-Artikolu 12(i) tar-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013];*

(d) l-eżistenza ta' twissija wara verifika ta' sigurtà skont l-Artikolu 40;

(e) l-Istat Membru responsabbli;

(f) f'każ ta' indikazzjoni ta' applikazzjoni preċedenti għal protezzjoni internazzjonali mill-istess applikant skont l-Artikolu 22(4), l-Istat Membru li kien responsabbli għal dik l-applikazzjoni preċedenti;

(g) fil-każ ta' indikazzjoni ta' viża maħruġa lill-applikant skont l-Artikolu 22(5), l-Istat Membru li ħareġ jew li estenda l-viża jew li f'ismu nħarġet il-viża u numru tal-applikazzjoni għall-viża;

(h) fejn il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni skont il-Kapitolu VII japplika, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(4) u fil-punt (h) tal-Artikolu 39.

3. Wara komunikazzjoni mill-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 20(7) u l-Artikolu 22(3) is-sistema awtomatika msemmija fl-Artikolu 44(1) għandu tgħodd lil dik l-applikazzjoni u li dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz effettivament risistemat mas-sehem ta' dak l-Istat Membru.

4. Il-fajls elettroniċi għandhom jitħassru awtomatikament wara l-iskadenza tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament *[proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*.

---

| |
|---|
| 🡻 604/2013 (adattat)<br>⇨ ġdid |

## *TAQSIMA ~~II~~ III*

### *IL-PROĊEDURI GĦAT-TALBIET BIEX JITTIEĦED INKARIGU*

*Artikolu ~~21~~ 24*

**Preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed inkarigu**

1. Fejn Stat Membru li għandu kienet iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, ~~jista'~~ ⇨ għandu ⇦, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ~~tliet xhur~~ ⇨ xahar ⇦ mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet iddepożitata fit-tifsira tal-Artikolu ~~20~~ 21(2), jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu inkarigu tal-applikant.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, f'każ ta' "hit" mill-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 tar-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]* ⇨ jew tal-"hit" mill-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 767/2008 ⇦, it-talba għandha tintbagħat fi żmien ~~xagħrejn~~ ⇨ ġimgħatejn ⇦ minn meta tiġi riċevuta l-"hit" ~~skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament~~.

Fejn it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perijodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsibilità biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni kienet iddepożitata.

~~2. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jista' jitlob tweġiba urġenti f'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata wara li permess biex jidħol jew jibqa' kien irrifjutat, wara arrest minħabba soġġorn illegali jew wara preżentazzjoni jew eżekuzzjoni ta' ordni ta' tneħħija.~~

~~It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perijodu li fih tweġiba tkun mistennija. Dak il-perijodu għandu jkun għall-inqas ta' ġimgħa.~~

~~3~~2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu~~i~~ 1 ~~u 2~~, it-talba li jittieħed inkarigu minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu ~~22(3)~~ 25(4) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, li jagħmlu possibbli għall-awtoritajiet tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li jikkontrollaw jekk hux responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi dwar il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet għal inkarigu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

*Artikolu ~~22~~ 25*

**Tweġiba għal talba biex jittieħed inkarigu**

1. L-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jagħti deċiżjoni fuq it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant fi żmien ~~xahrejn~~ ⇨ xahar ⇦ mill-irċevuta tat-talba.

---

⇩ ġdid

2. Minkejja l-ewwel subparagrafu, f'każ ta' "hit" mill-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 tar-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]* jew ta' "hit" mill-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 767/2008 , l-Istat Membru mitlub għandu jieħu deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ġimgħatejn minn meta jirċievi t-talba.

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

~~2~~3. Fil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali għandhom ikunu użati.

~~3~~4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

(a) Prova:

(i) Dan jirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbilta skont dan ir-Regolament, sakemm ma tkunx irrifjutata bi prova għal kuntrarju;

(ii) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kumitat previst fl-Artikolu ~~44~~ 56 mudelli ta' tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;

(b) Evidenza ċirkostanzjali:

(i) Dan jirreferi għal elementi indikattivi li filwaqt li jistgħu jkunu konfutati jistgħu jkunu suffiċjenti, f'ċerti każijiet, skont il-valur evidenzjarju li jingħatalhom;

(ii) Il-valur evidenzjarju tagħhom, f'relazzjoni mar-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkun evalwat fuq bażi ta' każ każ.

~~4~~5. Ir-rekwiżit ta' prova m'għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.

~~5~~6. Jekk m'hemmx prova formali, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu jekk ix-xhieda ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u ddettaljata suffiċjentement biex tistabbilixxi responsabbiltà.

~~6. Fejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba jkun ġab l-urġenza bħala raġuni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(2), l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel kull sforz biex jikkonforma mal-limitu ta' żmien mitlub. F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jkun muri li l-eżami ta' talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ikun partikolarment kompless, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien mitlub, imma f'kull każ fi żmien xahar. F'sitwazzjonijiet bħal dawn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fil-limitu ta' żmien oriġinarjament mitlub.~~

7. ~~Nuqqas ta' azzjoni~~ ⇨ Meta l-Istat Membru mitlub ma joġġezzjonax għat-talba ⇦ fi żmien il-perjodu ta' xahrejn ⇨ xahar ⇦ imsemmi fil-paragrafu 1 ~~u l-perijodu ta' xahar imsemmi fil-paragrafu 6~~ ⇨ bi tweġiba li tagħti raġunijiet sustanzjali, jew meta applikabbli fil-perjodu ta' ġimgħatejn imsemmi fil-paragrafu 2, dan ⇦ għandu jkollu effett ugwali ta' aċċettazzjoni tat-talba, u jinvolvi l-obbligu li tittieħed inkarigu tal-persuna, inklużi l-obbligu biex jipprovdi għal arranġamenti xierqa għal wasla.

## *TAQSIMA ~~III~~ IV*

### *IL-PROĊEDURI ⌦ GĦAN-NOTIFIKI TA' TEĦID ⌫ ~~T-TALBIET BIEX JITTIEĦED~~ LURA*

*Artikolu ~~23~~ 26*

**Preżentazzjoni ta' ⌦ notifika ta' teħid lura ⌫~~talba biex jittieħed lura meta tiġi ddepożitata applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru rikjedenti~~**

1. ~~Meta Stat Membru fejn persuna~~ ⌦ F'sitwazzjoni ⌫ kif imsemmi ja fl-Artikolu ~~18~~ 20(1)(b), (c) ~~jew~~ (d) ⇨ jew (e) ⇦ ~~iddepożitat applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li S~~l-Istat Membu fejn hija preżenti l-persuna ~~ieħor huwa~~ responsabbli skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), dan jista' jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu lura dik il-persuna. ⇨ għandu jagħmel notifika ta' teħid lura l-

aktar tard sa ġimgħatejn wara li jirċievi l-hit mill-Eurodoc u jittrasferixxi lil dik il-persuna lejn l-Istat Membru responsabbli ⇦.

~~2. Talba biex persuna tittieħed lura għandha ssir kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva l-"hit" mill-Eurodac kif iddefinit mill-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.~~

~~Jekk it-talba biex tittieħed lura persuna tkun ibbażata fuq evidenza li mhix data meħuda mis-sistema tal-Eurodac, din għandha tkun mibgħuta lill-Istat Membru li saritlu t-talba fi żmien tliet xhur mid-data li fiha kienet iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 20(2).~~

~~3. Meta t-talba biex tittieħed lura persuna ma ssirx fil-perijodi stipulati fil-paragrafu 2, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni l-ġdida.~~

42. ⇨ Notifika ta' teħid ⇦ ~~Talba biex persuna tittieħed~~ lura għandha ssir permezz ta' formola standard u għandha tinkludi provi jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu ~~22(3)~~ 25(4) u/jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna konċernata~~, li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest jivverifikaw jekk huwiex responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti minn dan ir-Regolament~~.

---

⇩ ġdid

3. L-Istat Membru responsabbli għandu jikkonferma mill-ewwel il-wasla ta' notifika lill-Istat Membru li jkun għamel in-notifika.

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sossotmissjoni ta' ⇨ notofiki ta' teħid ⇦ ~~talbiet biex tittieħed~~ lura ~~persuna.~~ Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

~~*Artikolu 24*~~

**~~Preżentazzjoni ta' talba għat-teħid lura meta ma tkunx ġiet iddepożitata ebda applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru rikjedenti~~**

~~1. Meta Stat Membru li fuq it-territorju tiegħu persuna msemmija fl-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), tkun preżenti mingħajr dokument ta' residenza u li quddiemu ma tkunx ġiet iddepożitata applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali, iqis li Stat Membru ieħor huwa responsabbli skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), huwa jista' jitlob lil dak l-Istat Membru l-ieħor biex jieħu lura dik il-persuna.~~

~~2. B'deroga mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment[30], fejn Stat Membru li fuq it-territorju tiegħu persuna tkun preżenti mingħajr dokument ta' residenza jiddeċiedi li~~

[30] ~~ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.~~

~~jfittex fis-sistema tal-Eurodac skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, it-talba biex tittieħed lura persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(b) jew (c) ta' dan ir-Regolament, jew persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(d) tiegħu li l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali ma tkunx ġiet rifjutata permezz ta' deċiżjoni finali, għandha ssir kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva il-"hit" mill-Eurodac, skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.~~

~~Jekk it-talba biex tittieħed lura persuna tkun ibbażata fuq evidenza differenti minn dik meħuda mis-sistema tal-Eurodac, din għandha tintbagħat lill-Istat Membru rikjest fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-Istat Membru rikjedenti sar jaf li Stat Membru ieħor jista' jkun responsabbli minn dik il-persuna kkonċernata.~~

~~3. Meta t-talba biex tittieħed lura persuna ma ssirx fil-perijodi stipulati fil-paragrafu 2, l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu il-persuna kkonċernata tkun preżenti mingħajr dokumenti ta' residenza għandu jagħti lil dik il-persuna l-opportunità li tiddepożita applikazzjoni ġdida~~

~~4. Fejn persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(d) ta' dan ir-Regolament li l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet rifjutata permezz ta' deċiżjoni finali fi Stat Membru wieħed tkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza, l-Istat Membru tal-aħħar jista' jew jitlob lill-ewwel Stat Membru biex jieħu lura l-persuna kkonċernata jew inkella jwettaq proċedura skont id-Direttiva 2008/115/KE.~~

~~Meta l-Istat Membru tal-aħħar jiddeċiedi li jitlob lill-ewwel Stat Membru biex jieħu lura l-persuna kkonċernata, ir-regoli stipulati fid-Direttiva 2008/115/KE ma għandhomx japplikaw.~~

~~5. It-talba biex il-persuna msemmija fl-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d) tittieħed lura, għandha ssir permezz ta' formola standard u għandha tinkuldi provi jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) u/jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna, li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest li jivverifikaw jekk huwiex responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.~~

~~Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi u tirrevedi perjodikament żewġ listi li jindikaw elementi relevanti ta' provi jew evidenza ċirkostanzjali skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 22(3)(a) u (b) u,għandha tadotta kondizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sossotmissjoni ta' talbiet biex tittieħed lura persuna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 44(2).~~

*~~Artikolu 25~~*

**~~Tweġiba għal talba biex jittieħed lura~~**

~~1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa u jagħti deċiżjoni dwar it-talba biex jieħu lura l-persuna kkonċernata kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard minn xahar mid-data meta kienet rċevuta t-talba. Meta t-talba tkun ibbażata fuq data miksuba mis-sistema Eurodac, dak il-limitu ta' żmien għandu jitnaqqas għal ġimagħtejn.~~

~~2. Nuqqas ta' azzjoni fil-perijodu ta' xahar jew fil-perijodu ta' ġimgħatejn imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tfisser aċċettazzjoni tat-talba, u għandha tinvolvi l-obbligu li jieħu lura l-persuna kkonċernata, inkluż l-obbligu li jipprovdi arranġamenti xierqa għall-wasla.~~

## *TAQSIMA ~~IV~~ V*

### *SALVAGWARDJI PROĊEDURALI*

*Artikolu ~~26~~ 27*

**Notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment**

1. Meta l-Istat Membru mitlub jaċċetta li jieħu inkarigu ta' ~~jew jieħu lura~~ applikant ~~jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d)~~, l-Istat Membru rikjedenti għandu jinnotifika lill-~~persuna kkonċernata~~ ⇨ applikant bil-miktub mingħajr dewmien ⇦ bid-deċiżjoni li hija tiġi trasferita lejn l-Istat Membru responsabbli u, fejn xieraq, bid-deċiżjoni li ma jeżaminax l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali.

---

⇩ ġdid

2. Meta l-applikant jew persuna oħra msemmija fl-Artikolu 20(1)(c), (d) jew (e) tkun se tittieħed lura, l-Istat Membru fejn tkun tinsab il-persuna konċernata għandu jinnotifika lill-persuna konċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni li tiġi ttrasferita lejn l-Istat Membru responsabbli.

---

🡇 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

3. Jekk konsulent legali jew kunsillier ieħor ikun qed jirrappreżenta lill-persuna kkonċernata, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnotifikaw id-deċiżjoni li tali konsulent legali jew kunsillier minflok lill-persuna kkonċernata u, fejn applikabbli, jikkomunikaw id-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata.

~~2~~4. Id-deċiżjoni li jirreferu~~i~~ għaliha l-paragrafi~~u~~ 1 ⇨ u 2 ⇦ għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli~~, inkluż id-dritt ta' applikazzjoni għal effett sospensiv, fejn applikabbli,~~ u dwar il-limiti ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji u biex ikun eżegwit it-trasferiment u, għandha, jekk meħtieġ, tinkludi informazzjoni dwar il-post fejn, u d-data li fiha l-persuna kkonċernata għandha tidher, jekk dik il-persuna tkun ser tivvjaġġa lejn l-Istat Membru responsabbli bil-mezzi tiegħha stess.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar persuni jew entitajiet li jistgħu jipprovdu assistenza legali lill-persuna kkonċernata tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata flimkien mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi~~u~~ 1 ⇨ u 2 ⇦ , meta dik l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ikkomunikata.

~~3~~5. Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx assistita jew rappreżentata minn konsulent legali jew kunsillier ieħor, l-Istat Membri għandhom jinfurmawha bl-elementi prinċipali tad-deċiżjoni, li għandhom dejjem jinkludu informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u ż-żmien limitu applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji, f'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem jew li tkun raġonevolment mistennija li tifhem.

*Artikolu ~~27~~ 28*

**Rimedji**

1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu ~~18~~ 20(1) (c) ~~jew~~ (d) ⇨ jew (e) ⇦ għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi, mid-deċiżjoni tat-trasferiment, quddiem qorti jew tribunal.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien ~~raġonevoli~~ ⇨ ta' 7 ijiem wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' trasferiment ⇦ li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

3. Għall~~-iskopijiet ta'~~ appelli kontra, jew reviżjonijiet ta'~~,~~ deċiżjonijiet ta' trasferiment, ~~l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li:~~ ⇨ il-qorti jew it-tribunal għandu jiddeċiedi fi żmien perjodu ta' 15-il jum dwar is-sustanza tal-appell jew ir-rieżami. Ma għandu jsir l-ebda trasferiment qabel din id-deċiżjoni tal-appell jew ir-rieżami. ⇦

~~(a) l-appell jew ir-reviżjoni tagħti lill-applikant id-dritt li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew ir-reviżjoni; jew~~

~~(b) it-trasferiment huwa sospiż awtomatikament u tali sospensjoni tiskadi wara ċertu perijodu ta' żmien raġonevoli, f'liema żmien qorti jew tribunal, wara skrutinju mill-qrib u rigoruż, tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata effett sospensiv lil appell jew reviżjoni; jew~~

~~(c) il-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li titlob f'perijodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew reviżjoni tiegħu/tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhiex tiġi sospiża għandha tittieħed f'perijodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li tippermetti skrutinju mill-qrib u rigoruż tat-talba għal sospensjoni. Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.~~

~~4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu ex officio fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni.~~

---

⇩ ġdid

4. L-ambitu tar-rimedju effettiv stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun limitat għal valutazzjoni ta' jekk l-Artikoli 3(2) dwar l-eżistenza ta' riskju ta' trattament inuman jew degradanti jew l-Artikoli 10 sa 13 u 18 inkisrux.

5. Meta ma tkunx ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, meta l-applikant jiddikjara li membru tal-familja, jew fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, qarib ikun legalment preżenti fi Stat Membru differenti minn dak li qed jeżamina l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali u għalhekk iqis lil dak l-Istat Membru l-ieħor bħal l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħu.

↓ 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

~~5~~6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata għandha aċċess għall-assistenza legali u, fejn neċessarju, assistenza lingwistika.

~~6~~7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali tingħata fuq talba mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tistax tħallas l-ispejjeż involuti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħrajn, it-trattament tal-applikanti ma jkunx aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.

Mingħajr ma jillimitaw b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza legali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ma tingħatax assistenza legali u rappreżentanza mingħajr ħlas fejn l-appell jew ir-reviżjoni jkun ikkunsidrat mill-awtorità kompetenti jew minn qorti jew tribunal li ma għandu ebda prospett tanġibbli li jirnexxi

Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont dan il-paragrafu minn awtorità li mhijiex qorti jew tribunal, l-Istati Membri għandhom jipprevedu dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni. ⇨ Fil-każ li deċiżjoni tiġi kkontestata, dan ir-rimedju għandu jkun parti integrali mir-rimedju msemmi fil-paragrafu 1. ⇦

Fil-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma tkunx limitata b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jsibx xkiel.

L-assistenza legali għandha tinkludi tal-inqas it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u rappreżentanza quddiem lqorti jew tribunal u tista' tiġi limitata għal konsulenti legali jew kunsilliera nominati b'mod speċifiku mid-dritt nazzjonali biex jipprovdu assistenza u rappreżentanza.

Il-proċeduri għall-aċċess għal assistenza legali għandhom ikunu stipulati fid-dritt nazzjonali.

## *TAQSIMA ~~V~~ VI*

### *ID-DETENZJONI GĦAR-RAĠUNIJIET TA' TRASFERIMENT*

*Artikolu ~~28~~ 29*

**Detenzjoni**

1. L-Istati Membri ma' għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija soġġetta għall-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament.

2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonali, jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati effettivament miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi.

3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u m'għandiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.

Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed inkarigu jew ⇨ ta' notifika ta' teħid lura ⇦ jittieħed lura ma għandux ikun itwal minn ⇨ xahrejn ⇦ xahar minn meta t-talba tiġi ppreżentata. L-Istat Membru li jwettaq l-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitolob tweġiba urġenti f'dawn il-każijiet ⇨ dwar it-talba biex jittieħed inkarigu ⇦ . Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħatejn ⇨ ġimgħa ⇦ minn meta jirċievi t-talba ⇨ biex jittieħed inkarigu ⇦ . Nuqqas ta' tweġiba fil-perijodu ta' ġimgħatejn għandu l-istess effett ta' aċċettazzjoni tat-talba ⇨ biex jittieħed inkarigu ⇦ , u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura tal-persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Meta persuna tinżamm taħt detezjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli għandu jkun eżegwit mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt ⇨ erba' ⇦ ġimgħat ⇨ mid-deċiżjoni finali tat-trasferiment ⇦ mill-aċċettazzjoni impliċita jew espliċita tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew mill-mument meta l-appell jew reviżjoni ma jkollux jew ma jkollhiex aktar effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).

Meta l-Istat Membru rikjedenti jonqas milli jikkonforma mat-termini ta' żmien biex jippreżenta talba biex jittieħed inkarigu jew ⇨ notifika ta' teħid lura ⇦ jittieħed lura jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fl-iskadenza ta' ⇨ erba' ⇦ sitt ġimgħat imsemmija fit-tielet subparagrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 21 24, 23, 26 24 u 29 30 għandhom jinbqgħu japplikaw kif adatt.

4. Fir-rigward tal-kondizzjonijiet għad-detenzjoni, u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikolu 9, 10 u 11 tad-Direttiva 2013/33/UE.

## *TAQSIMA VI VII*

### *TRASFERIMENTI*

*Artikolu 29 30*

**Modalitajiet u żmien limitu**

---

⇩ ġdid

1. L-Istat Membru li jiddetermina u li talba tiegħu għal teħid ta' inkarigu msemmija fl-Artikolu 20(1)(a) ġiet aċċettata jew li jkunu għamel notifika ta' teħid lura msemmija fl-Artikolu 20(1)(b) sa (e) għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment, l-iktar tard fi żmien ġimgħa mill-aċċettazzjoni jew min-notifika u jittrasferixxi lill-applikant jew lill-persuna konċernata lejn l-Istat Membru responsabbli.

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

It-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fil-punti (c) jew (d) ⇨ jew (e) ⇦ tal-Artikolu 20 18(1) mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-

Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien ⇨ erba' ġimgħat mid-deċiżjoni finali tat-trasferiment ⇦ ~~sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).~~

Jekk trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jsiru permezz ta' tluq sorveljat jew taħt skorta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn isiru b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità umana.

Fejn hu meħtieġ, l-applikant għandu jingħata mill-Istat Membru rikjedenti *laissez passer*. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi d-disinn tal-*laissez passer*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru li jagħmel it-talba, kif xieraq, bil-wasla salva tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li huwa jew hija ma dehritx fil-limitu tal-ħin stabbilit.

~~2. Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet.~~

~~3~~2. Jekk persuna ġiet ittrasferita bi żball jew deċiżjoni ta' trasferiment ġiet mibdula fl-appell jew fir-reviżjoni wara li twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

~~4~~3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każ ta' trasferimenti li ġew posposti jew damu, trasferimenti b'segwitu għal aċċettazzjoni awtomatika, trasferimenti ta' minorenni jew persuni dipendenti, u ta' trasferimenti sorveljati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

*Artikolu ~~30~~ 31*

**Spejjeż tat-trasferimenti**

1. L-ispejjeż neċessarji għat-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu ~~18~~ 20(1)(c), ~~jew~~ (d) ⇨ jew (e) ⇦ lejn l-Istat Membru responsabbli għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment.

2. Meta l-persuna kkonċernata jkollha tintbagħat lura lejn Stat Membru minħabba trasferiment żbaljat jew deċiżjoni ta' trasferiment li ġiet mibdula fl-appell jew fir-reviżżjoni wara li jkun twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li oriġinarjament għamel it-trasferiment għandu jkun responsabbli tal-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata lura fit-territorju tiegħu.

3. Persuni li se jkunu ttrasferiti skont dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu mitluba jħallsu għall-ispejjeż ta' dawn it-trasferimenti.

*Artikolu ~~31~~ 32*

**L-iskambju ta' informazzjoni relevanti qabel isiru t-trasferimenti**

1. L-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi tal-Artikolu 20 18(1)(c) jew (d) għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli dik id-data personali dwar il-persuna li għandha tiġi trasferita li tkun ⌦ adegwata ⌫ xierqa, rilevanti u mhux eċċessiva ⇨ limitata għal dak li jkun meħtieġ ⇦ għall-unika raġuni li tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti, skont id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru responsabbli, jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza adegwata lil dik il-persuna, inkluż il-kura immedjata tas-saħħa meħtieġa sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tiegħu jew tagħha, u li tiżgura kontinwità fil-protezzjoni u d-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali rilevanti oħrajn rigward l-asil. Dik id-data għandha tiġi kkomunikata lill-Istat Membru responsabbli f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel isir trasferiment, sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu skont id-dritt nazzjonali ikollhom żmien suffiċjenti biex jieħu l-miżuri meħtieġa.

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu, sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jittrasmetti lill-Istat Membru responsabbli kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali sabiex għas-salvgwardja tad-drittijiet u l-ħtiġijiet speċjali immedjati tal-persuna li ser tiġi trasferita, u b'mod partikolari:

(a) kwalunkwe miżura immedjata li l-Istat Membru responsabbli huwa obbligat li jieħu biex jiżgura li l-ħtiġijiet speċjali tal-persuna li ser tiġi trasferita jkunu indirizzati adegwatament, inkluż kwalunkwe kura tas-saħħa immedjata li tista' tkun meħtieġa;

(b) Id-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istat Membru li qed jirċievi, fejn applikabbli;

(c) fil-każ ta' persuni minorenni, informazzjoni dwar l-edukazzjoni tagħhom;

(d) evalwazzjoni tal-età tal-applikant;

3. L-iskambju ta' informazzjoni taħt dan l-Artikolu għandu jseħħ biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35 47 ta' dan ir-Regolament permezz tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma għandhiex tiġi proċessata aktar.

4. Bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola standard għat-trasferiment tad-data li hemm bżonn skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 44 56(2).

5. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 34(8) sa (12) ⇨ 46(8) ⇦ għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 32 33*

**Skambju ta' data dwar is-saħħa qabel isir trasferiment**

1. Għall-unika raġuni li tingħata l-kura jew trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minorenni u persuni li kienu ttorturati, stuprati jew sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, l-Istat Membru li qed jittrasferixxi għandu sa fejn tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonnijiet speċjali tal-persuna li ser tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tkun ittrasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru

responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet speċjali jkunu indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kull kura medika essenzjali li jkun hemm bżonn.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu ~~44~~ 56(2).

2. L-Istat Membru li qed jittrasferixxi għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jew~~, meta l-applikant ikun fiżikament jew legalment inkapaċi li jagħti l-kunsens tiegħu jew tagħha~~, meta tali trażmissjoni tkun meħtieġa ⇨ biex tiġi protetta s-saħħa u s-sigurtà pubblika ⇦ ⌦ jew, jekk l-applikant ikun fiżikalment jew legalment inkapaċi li jagħti l-kunsens tiegħu, ⌫ biex tipproteġi l-interessi vitali tal-applikant jew ta' kwalunkwe persuna oħra. In-nuqqas ta' kunsens, inkluż rifjut ta' kunsensma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment.

3. L-ipproċessar tad-data personali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir biss minn professjonist tas-saħħa li huwa soġġett, taħt il-liġi jew regoli nazzjonali stabbiliti mill-korpi kompetenti nazzjonali, għall-obbligu tal-kunfidenzjalita' medika jew minn persuna oħra soġġetta għal obbligu ekwivalenti ta' sigriet professjonali.

4. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn il-professjonisti tas-saħħa jew persuni oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 3. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata aktar.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu ~~44~~ 56(2).

6. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu ~~34(8) sa (12)~~ ⇨ 46(8) ⇦ għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

~~*Artikolu 33*~~

**~~Mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet~~**

~~1. Fejn, fuq il-bażi ta', b'mod partikolari, l-informazzjoni miġbura mill-EASO skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' titqiegħed fil-perikolu minħabba jew l-identifikazzjoni ta' riskju ssostanzjat ta' pressjoni partikolari li titpoġġa fuq is-sistema ta' asil ta' Stat Membru u/jew minħabba problemi fil-funzjonament tas-sistema ta' asil ta' Stat Membru, hija għandha, b'kooperazzjoni mal-EASO, tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru u tistiednu jfassal pjan ta' azzjoni preventiva.~~

~~L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jekk huwiex bi ħsiebu jippreżenta pjan ta' azzjoni preventiva sabiex jelimina l-pressjoni u/jew problemi fil-funzjonament tas-sistema ta' asil tiegħu filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.~~

~~Stat Membru jista', fid-diskrezzjoni u fuq inizjattiva tiegħu, ifassal pjan ta' azzjoni preventiva u reviżjonijiet sussegwenti għalih. Fit-tfassil tal-pjan ta' azzjoni preventiva, l-Istati Membru jista' jitlob l-assistenza tal-Kummissjoni, Stati Membri oħrajn, l-EASO u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni.~~

2. Fejn jitfassal pjan ta' azzjoni preventiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżentah u għandu regolarment jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha sussegwentement tgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar l-elementi prinċipali tal-pjan ta' azzjoni preventiva. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Kunsill u tibgħat rapporti dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha adatti biex jittratta s-sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari fuq is-sistema tal-asil tiegħu jew biex jiżgura li n-nuqqasijiet identifikati jiġu indirizzati qabel ma s-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Fejn il-pjan ta' azzjoni preventiva jkun jinkludi miżuri mmirati biex jindirizzaw pressjoni partikolari fuq is-sistema ta' asil ta' Stat Membru li jista' jpoġġi fil-periklu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tfittex il-pariri tal-EASO qabel ma tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Fejn il-Kummissjoni tistabilixxi, abbażi tal-analiżi tal-EASO, li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni preventiva ma kinitx ta' rimedju għan-nuqqasijiet identifikati jew fejn hemm riskju serju li s-sitwazzjoni tal-asil fl-Istat Membru kkonċernat tista' tiżviluppa fi kriżi, li l-pjan ta' azzjoni preventiva x'aktarx ma jkunx jista' jirrimedjaha, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EASO kif applikabbli, tista' titlob li l-Istat Membru kkonċernat ifassal pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet u, fejn meħtieġ, reviżjonijiet għalih. Il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet għandu jiżgura, tul il-proċess kollu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet stabbilit f'dan l-Artikolu, il-konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

B'segwitu għat- talba li jfassal pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni u mal-EASO, jagħmel dan minnufih, u sa mhux aktar tard minn tliet xhur mit-talba

L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet tiegħu u għandu jirrapporta, mill-inqas kull tliet xhur, dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lil partijiet interessati rilevanti oħrajn, bħall-ESAO, kif adatt.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, reviżjonijiet possibbli u l- implimentazzjoni tiegħu. F'dawn ir-rapporti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrapporta dwar data għall-monitoraġġ tal-konformità mal-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, bħat-tul tal-proċedura, il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni u l-kapaċità ta' akkoljenza rigward flussi ta' applikanti.

4. Matul il-proċess kollu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet stabbilit f'dan l-Artikolu, il- Kunsill għandu jissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u jista' jitlob aktar informazzjoni u jagħti tmexxija politika, b'mod partikolari rigward l-urġenza u l-gravità tas-sitwazzjoni u għalhekk, il-ħtieġa li Stat Membru jfassal jew pjan ta' azzjoni preventiva jew, jekk neċessarju, pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet. The European Parliament and the Council may, throughout the entire process, discuss and provide guidance on any solidarity measures as they deem appropriate.

---

⇩ ġdid

**KAPITOLU VII**

**Mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva**

Artikolu 34

**Prinċipju ġenerali**

1. Il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni msemmi f'dan il-Kapitolu għandu japplika għall-benefiċċju ta' Stat Membru, meta dak l-Istat Membru jkun affrontat b'għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jkun responsabbli għalihom l-Istat Membru skont dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 japplika meta s-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) tindika li l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li għalih Stat Membru jkun responsabbli skont il-kriterji tal-Kapitolu III, l-Artikoli 3(2) jew (3), 18 u 19, flimkien mal-għadd ta' persuni effettivament risistemati, ikun ogħla minn 150 % tal-għadd ta' referenza għal dak l-Istat Membru skont il-fattur imsemmi fl-Artikolu 35.

3. L-għadd ta' referenza ta' Stat Membru għandu jiġu ddeterminat billi jiġi applikat il-fattur imsemmi fl-Artikolu 35 għall-għadd totali ta' applikazzjonijiet kif ukoll l-għadd totali ta' persuni risistemati li jkunu ddaħħlu mill-Istati Membri rispettivi responsabbli fis-sistema awtomatizzata matul it-12-il xahar preċedenti.

4. Is-sistema awtomatizzata għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil darba fil-ġimgħa dwar l-ishma rispettivi mill-applikazzjonijiet tal-Istati Membri li għalihom huma jkunu l-Istat Membru responsabbli.

5. Is-sistema awtomatizzata għandha timmonitorja kontinwament jekk xi Stat Membru qabiżx il-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 2, u jekk ikun il-każ, tinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar dan u tindika l-għadd ta' applikazzjonijiet 'il fuq minn dan il-limitu massimu.

6. Malli ssir in-notifika msemmija fil-paragrafu 5 għandu japplika l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni.

*Artikolu 35*

***Il-fattur ta' referenza***

1. Għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, l-għadd ta' referenza għal kull Stat Membru għandu jiġi ddeterminata permezz ta' fattur.

2. Il-fattur ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji li ġejjin għal kull Stat Membru skont iċ-ċifri tal-Eurostat:

(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 50 %);

(b) il-PDG totali (ponderazzjoni ta' 50 %);

3. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu applikati skont il-formula stabbilita fl-Anness I.

4. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha tistabbilixxi l-fattur ta' referenza u tadatta ċ-ċifri tal-kriterji għall-fatturi ta' referenza kif ukoll il-fattur ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2 kull sena, abbażi taċ-ċifri tal-Eurostat.

*Artikolu 36*

**L-applikzzjoni tal-fattur ta' referenza**

1. Meta jintlaħaq il-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 34(2), is-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) għandha tapplika l-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 35 għal dawk l-Istati Membri b'għadd ta' applikazzjonijiet li għalihom huma l-Istati Membri responsabbli taħt is-sehem tagħhom skont l-Artikolu 35(1) u tinnotifika lill-Istati Membri dwarhom.

2. L-applikanti li ddepożitaw l-applikazzjoni tagħhom fl-Istat Membru benefiċjarju wara n-notifika ta' allokazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(5) għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1, u dawn l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema Stat Membru huwa responsabbli;

3. L-applikazzjonijiet iddikjarati inammissibbli jew eżaminati bi proċedura aċċellerata skont l-Artikolu 3(3) ma għandhomx ikunu soġġetti għal allokazzjoni.

4. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-fattur ta' referenza skont il-paragrafu 1, is-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) għandha tindika l-Istat Membru tal-allokazzjoni u tikkomunika din l-informazzjoni mhux iktar tard minn 72 siegħa wara r-reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1) lill-Istat Membru benefiċjarju u lill-Istat Membru ta' allokazzjoni u żżid lill-Istat Membru tal-allokazzjoni fil-fajl elettroniku msemmi fl-Artikolu 23(2).

*Artikolu 37*

**Solidarjetà finanzjarja**

1. Stat Membru jista', fi tmiem il-perjodu ta' tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u fi tmiem kull perjodu ta' tnax-il xahar minn hemm 'il quddiem, idaħħal fis-sistema awtomatizzata li temporanjament mhuwiex jieħu sehem fil-mekkaniżmu tal-allokazzjoni korrettiva stabbilit fil-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament bħala Stat Membru tal-allokazzjoni u jinnotifika b'dan lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.

2. Is-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) għandha f'dan il-każ tapplika l-fattur ta' referenza matul dan il-perjodu ta' tnax-il xahar għal dawk l-Istati Membri b'għadd ta' applikazzjonijiet li għalihom ikunu l-Istati Membri responsabbli inqas mis-sehem tagħhom skont l-Artikolu 35(1), bl-eċċezzjoni tal-Istat Membru li jkun daħħal l-informazzjoni, kif ukoll tal-Istat Membru benefiċjarju. Is-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) għandha tgħodd kull applikazzjoni li kieku kienet tiġi allokata lill-Istat Membru li daħħal l-informazzjoni skont l-Artikolu 36(4) għas-sehem ta' dak l-Istat Membru.

3. Fi tmiem il-perjodu ta' tnax-il xahar imsemmi fil-paragrafu 2, sistema awtomatizzata għandha tikkomunika lill-Istat Membru li ma pparteċipax fil-mekkaniżmu ta' allokazzjoni ta' korrezzjoni l-għadd ta' applikanti li kieku kien ikun l-Istat Membru ta' allokazzjoni tagħhom. Dak l-Istat Membru għandu mbagħad jagħmel kontribuzzjoni ta' solidarjetà ta' EUR 250 000 għal kull applikant li kieku kien jiġi allokat lil dak l-Istat Membru matul il-perjodu rispettiv ta' tnax-il xahar. Il-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għandha titħallas lill-Istat Membru determinat bħala responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet rispettivi.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56, li tistabbilixxi l-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 3.

5. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha timmonitorja u tirrapporta lill-Kummissjoni fuq bażi annwali dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà finanzjarja.

*Artikolu 38*

**L-Obbligi tal-Istat Membru benefiċjarju**

L-Istat Membru benefiċjarju għandu:

(a) jieħu deċiżjoni sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(4) li jittrasferixxi l-applikant lill-Istat Membru ta' allokazzjoni, dment li l-Istat Membru benefiċjarju jkun jista' jaċċetta fl-istess limitu ta' żmien ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 13 u l-Artikolu 18;

(b) jinnotifika mingħajr dewmien lill-applikant bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru ta' allokazzjoni;

(c) jittrasferixxi lill-applikant lejn l-Istat Membru ta' allokazzjoni, mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mill-aħħar deċiżjoni ta' trasferiment.

*Artikolu 39*

**L-obbligi tal-Istat Membru ta' allokazzjoni**

L-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu:

(a) jikkonferma lill-Istat Membru li rċieva l-komunikazzjoni tal-allokazzjoni u jindika l-awtorità kompetenti li l-applikant għandu jirraporta għandha wara li jiġi ttrasferit;

(b) jikkomunika lill-Istat Membru benefiċjarju l-wasla tal-applikant jew bil-fatt li l-applikant ma tfaċċax sal-limitu taż-żmien stabbilit.

(c) jirċievi lill-applikant u jagħmel l-intervista personali skont l-Artikolu 7, fejn applikabbli;

(d) jeżamina l-applikazzjoni tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali bħala l-Istat Membru responsabbli sakemm, skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 13 u 16 sa 18, ma jkunx responsabbli Stat Membru ieħor biex jeżamina l-applikazzjoni;

(e) fejn skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 13 u 16 sa 18 ikun responsabbli Stat Membru ieħor biex jeżamina l-applikazzjoni, l-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu jitlob lil dak l-Istat Membru l-ieħor biex jieħu inkarigu tal-applikant;

(f) fejn applikabbli, jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli t-trasferiment lejn dak l-Istat Membru;

(g) fejn applikabbli, jittrasferixxi lill-applikant lejn l-Istat Membru responsabbli;

(h) fejn applikabbli, idaħħal fil-fajl elettroniku msemmi fl-Artikolu 23(2) li se jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bħala l-Istat Membru responsabbli.

*Artikolu 40*

**L-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-verifika tas-sigurtà**

1. Fejn tittieħed deċiżjoni ta' trasferiment skont il-punt (a) tal-Artikolu 38, l-Istat Membru għandu jittrasmetti, fl-istess waqt u għall-fini waħdieni tal-verifika ta' jekk l-applikant jistax għal raġunijiet serji jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, id-data tal-marki tas-swaba' tal-applikant meħuda skont ir-Regolament *(Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament 603/2013/UE)* lill-Istat Membru ta' allokazzjoni.

2. Fejn, wara li tkun saret il-verifika ta' sigurtà, l-informazzjoni dwar l-applikant turi li jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, l-informazzjoni dwar in-natura tat-twissija għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istat Membru benefiċjarju u ma għandhiex tiġi kkomunikata permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi msemmija fl-Artikolu 47(4).

L-Istat Membru ta' allokazzjoni għandu jinforma l-Istat Membru benefiċjarju bl-eżistenza ta' din it-twissija, jispeċifika liema awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istat Membru ta' applikazzjoni ġew infurmati b'mod sħiħ, u jirreġistra l-eżistenza tat-twissija fis-sistema awtomatizzata skont il-punt (d) tal-Artikolu 23(2), fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-marki tas-swaba'.

3. *Jekk ir-riżultat tal-verifika ta' sigurtà jikkonferma li l-applikant jista' għal raġunijiet serji jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, l-Istat Membru benefiċjarju tal-applikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru responsabbli u għandu jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura aċċellerata skont l-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE.*

4. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata aktar.

*Artikolu 41*

**Il-proċedura tal-allokazzjoni**

1. Il-Kapitolu V u t-Taqsimiet II sa VII tal-Kapitolu VI għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

2. Membri tal-familja li għalihom tapplika l-proċedura ta' allokazzjoni għandhom jiġu allokati lill-istess Stat Membru.

*Artikolu 42*

L-ispejjeż tat-trasferimenti ta' allokazzjoni

Għall-ispejjeż għat-trasferiment tal-applikant lejn l-Istat Membru ta' allokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jitħallas lura b'somma f'daqqa EUR 500 għal kull persuna ttrasferita skont l-Artikolu 38(c). Dan l-appoġġ finanzjarju għandu jiġi implimentat billi jiġu applikati l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

*Artikolu 43*

**Il-waqfien tal-allokazzjoni korrettiva**

Is-sistema awtomatizzata għandha tinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni hekk kif l-għadd ta' applikazzjonijiet fl-Istat Membru benefiċjarju li għalihom ikun l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament jinżel taħt il-150 % mis-sehem tiegħu skont l-Artikolu 35(1).

L-applikazzjoni tal-allokazzjoni korrettiva għal dak l-Istat Membru għandha tieqaf man-notifika msemmija fil-paragrafu 2.

---

🡻 604/2013

# KAPITOLU ~~VII~~ VIII

## *KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA*

---

⇩ ġdid

*Artikolu 44*

**Sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-mekkaniżmu ta' allokazzjoni**

1. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u tal-monitoraġġ tas-sehem mill-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 22 u tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni stabbilit fil-Kapitolu VII għandha tiġi stabbilita sistema awtomatizzata.

2. Is-sistema awtomatizzata għandha tikkonsisti minn sistema ċentrali u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-infrastrutturi nazzjonali.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 għandha tkun responsabbli għall-preparazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-infrastrutturi nazzjonali.

4. L-infrastrutturi nazzjonali għandhom jiġu żviluppati u ġestiti mill-Istati Membri.

*Artikolu 45*

**L-aċċess għas-sistema awtomatizzata**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-ażil tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 47 għandhom ikollhom aċċess għas-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) biex iddaħħlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(7), l-Artikolu 22(1), (4) u (5), l-Artikolu 37(1) u l-punt (h) tal-Artikolu 39.

2. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha jkollha aċċess għas-sistema awtomatizzata għad-dħul u biex tadatta l-fattur ta' referenza skont l-Artikolu 35(4) u biex iddaħħal l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(3).

3. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2), l-Artikolu 36(4) u punt h tal-Artikolu 39 għandha tkun aċċessibbli biss għal konsultazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-ażil tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 47 għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament *[proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għad-dħul u l-konsultazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 56(2).

---

| |
|---|
| ⬇ 604/2013 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~34~~ 46*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lil kull Stat Membru li jitlob hekk tali data personali dwar l-applikant li tkun ⌦ adegwata ⌫ ~~xierqa~~, relevanti u ~~mhux eċċessiva~~ ⇨ limitata għal dak li huwa meħtieġ ⇦ għal:

(a) d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li joħroġ minn dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tista' biss tkopri:

(a) id-dettalji personali tal-applikant, u, fejn xieraq, il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra (isem sħiħ u fejn xieraq, isem preċedenti; laqmijiet jew psewdonimi; nazzjonalita, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);

(b) karti ta' identita u vjaġġar (referenzi, validita, data ta' ħruġ, awtorita li ħarġithom, post ta' ħruġ, eċċ.);

(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tkun stabbilita l-identita tal-applikant, inklużi marki tas-swaba' ~~pproċessati~~ ⇨ meħuda tal-applikant mill-Istat Membru, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikoli 40 ⇦skont ir-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*;

(d) post ta' residenza u rotot li tulhom sar il-vjaġġ;

(e) dokumenti ta' residenza jew viżas maħruġa minn Stat Membru;

(f) post fejn l-applikazzjoni kienet iddepożitata;

(g) id-data li fiha kull applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali preċedenti kienet iddepożitata, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti kienet iddepożitata, l-istadju milħuq fil-proċeduri u d-deċiżjoni meħuda, jekk jeżistu.

3. Barra minn hekk, sakemm huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob Stat Membru ieħor biex jgħarrfu fuq liema raġunijiet l-applikant qieghed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba ssottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall- protezzjoni internazzjonali, meħuda mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant għandu jkun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed/qegħda j/tagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

4. Kull talba għal informazzjoni għandha tkun mibgħuta biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba, inkluża informazzjoni relevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jew dwar fuq liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Huwa mifhum li informazzjoni relevanti bħal din minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhix fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, imma tista' tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' indikazzjonijiet oħra konnessi mal-applikant individwali.

5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien ~~ħames ġimgħat~~ ⇨ ġimgħatejn ⇦ . Kull dewmien għat-tweġiba għandu jkun ġustifikat b'mod xieraq. Nuqqas ta' konformità mal-limitu taż-żmien ta' ~~ħames ġimgħat~~ ⇨ ġimgħatejn ⇦ m'għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax iż-żmien limitu massimu iżżomm informazzjoni li turi li dan huwa responsabbli, ~~dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel użu mill-iskadenza taż-żmien limitu stabbilit fl-Artikolu 21, 23 u 24 bħala raġuni biex jirrifjuta li jkun konformi mat-talba biex jieħu ħsieb jew jieħu lura. F'dak il-każ,~~ il-limiti taż-żmien previsti fl-Artikolu ~~21,~~ 24 ~~23 u 24~~ għall-preżentazzjoni ta' talba biex jieħu inkarigu ~~jew jieħu lura~~ għandha tiġi estiża b'perjodu ta' żmien li għandu jkun ekwivalenti għad-dewmien fit~~r~~-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.

6. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq wara talba ta' Stat Membru u jista' jsir biss bejn awtoritajiet li l-ħatra tagħhom minn kull Stat Membru tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu ~~35~~ 47(1).

7. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1. F'kull Stat Membru informazzjoni tali, filwaqt li tkun tiddependi fuq it-tip tagħha u l-poteri tal-awtorita li tirċeviha, tista' tkun ikkomunikata biss lill-awtoritajiet u l-qrati u tribunali fdati bi:

(a) d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li joħroġ minn dan ir-Regolament.

~~8. L-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni għandu jiżgura li tkun preċiża u aġġornata. Jekk isir magħruf li huwa kien bagħat informazzjoni li ma tkunx preċiża jew li ma kellhiex tintbagħat, l-Istati Membri li jirċievu għandhom immedjatament ikunu infurmati b'dan. Huma għandhom ikunu obbligati jikkoreġu it-tali informazzjoni jew iħassruha.~~

~~9. L-applikant għandu jkollu d-dritt li jiġi infurmat, fuq talba, b'kull data li tkun ipproċessata dwaru.~~

~~Jekk l-applikant isib li d-data kienet ipproċessata bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 95/46/KE b'mod partikolari għax tkun inkompluta jew mhux preċiża, huwa jew hija jkun/tkun intitolat(a) li din id-data tkun korretta jew imħassra.~~

~~L-awtorita li tikkoreġi jew tħassar d-data għandha tinforma, kif xieraq, l-Istat Membru li jittrasmetti jew jirċievi l-informazzjoni.~~

~~L-applikant għandu jkollha d-dritt li jressaq azzjoni jew ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati jew it-tribunali tal-Istat Membru li rrifjuta d-dritt għall-aċċess għal, jew id-dritt għall-korrezzjoni jew tħassir tad-data dwaru jew dwarha.~~

~~10~~8. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata u/jew f'reġistru, tat-trasmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni skambjata.

~~11. Id-data skambjata għandha tinżamm għal perijodu li ma jeċċedix dak li hu meħtieġ għall-għanijiet li għalihom tkun skambjata.~~

~~12. Fejn id-data mhix ipproċessata awtomatikament jew mhux kontenuta, jew intenzjonata li tkun imdaħħla, ġo fajl, kull Stat Membru għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura konformità ma' dan l-Artikolu permezz ta' kontrolli effittivi.~~

*Artikolu ~~35~~ 47*

**Awtoritajiet kompetenti u riżorsi**

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien bl-awtoritajiet responsabbli speċifiċi biex jissodisfaw obbligi li joħorġu minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu x-xogħlijiet tagħhom u b'mod partikolari għat-tweġibiet fil-limiti ta' żmien preskritt għal talbiet għal informazzjoni, talbiet biex jittieħed inkarigu~~,~~ ⇨ notifiki ta' teħid ⇦ ~~ta' jew talbiet biex jittieħdu~~ lura ~~applikanti~~ ⇨ u jekk applikabbli biex jikkonformaw mall-obbligi tagħhom taħt il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni ⇦.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ~~fil-~~f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta jkun hemm emendi fiha, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata aġġornata darba f'sena.

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragarfu 1 għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi stazzjonijiet ta' trasmissjoni elettronika b'sigurtà bejn l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ⇨ u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ⇦ biex ikunu trasmessi ⇨ informazzjoni, data tal-marki tas-swaba meħuda skont ir-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament 603/2013/UE]* ⇦ talbiet, ⇨ notifiki ⇦ tweġibiet u l-korripondenza kollha miktuba u biex jkun żgurat li min jibgħat jirċievi awtomatikament prova elettronika ta' kunsinna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu ~~44~~ 56(2).

*Artikolu ~~36~~ 48*

**Arranġamenti amministrattivi**

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi bilaterali, jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi bejniethom dwar id-dettalji prattiċi tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu u tikber l-effikaċja tiegħu. Arranġamenti tali jistgħu jirrigwardaw:

(a) skambji ta' uffiċjali ta' liaison;

(b) simplifikazzjoni tal-proċeduri u taqsir tal-limiti ta' żmien fir-rigward ta' trasmissjoni u eżami ta' talbiet biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura applikanti;

2. L-Istati Membri għandhom ukoll iżommu l-arranġamenti amministrattivi konklużi taħt ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 ⇨u r-Regolament (UE) Nru 604/2013⇦. Sa fejn dawn l-arranġamenti mhumiex kompatibbli ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jemendaw l-arranġamenti b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.

~~3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament.~~

~~4. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 1(b) huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, hija għandha, f'perijodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.~~

~~5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni rigward l-arranġamenti kollha msemmijin fil-paragrafu 1, u rigward kwalunkwe denunzja tagħhom, jew emeda lilhom.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 49*

**In-netwerk tal-unitajiet ta' Dublin**

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha tistabbilixxi u tiffaċilita l-attivitajiet ta' netwerk tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 47(1), bl-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.

↓ 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

# ~~KAPITOLU VIII~~

## ~~*KONĊILJAZZJONI*~~

*~~Artikolu 37~~*

**~~Konċiljazzjoni~~**

~~1. Fejn l-Istati Membri ma jistgħux isolvu tilwima, dwar kwalunke kwestjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jistgħu jirrikorru għall-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista mill-paragrafu 2.~~

~~2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha tinbeda b'talba minn wieħed mill-Istati Membri fit-tilwima lill-President tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 44. Meta jaqblu li jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati jintrabtu li jagħtu l-ogħla konsiderazzjoni lis-soluzzjoni proposta.~~

~~Il-President tal-Kumitat għandu jaħtar tliet membri tal-Kumitat li jirrappreżentaw tliet Stati Membri mhux konnessi mal-affari. Huma għandhom jirċievu l-argumenti tal-partijiet jew bil-miktub jew verbalment u, wara deliberazzjoni, għandhom jipproponu soluzzjoni fi żmien xahar, fejn meħtieġ wara vot.~~

~~Il-President tal-Kumitat, jew id-Deputat tiegħu, għandu jippresjedi d-diskussjoni. Jista' jressaq l-opinjoni tiegħu imma ma jistax jivvota.~~

~~Tkunx adottata jew miċħuda mill-partijiet, is-soluzzjoni proposata għandha tkun finali u irrevokabbli.~~

# KAPITOLU IX

## *DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

*Artikolu ~~38~~ 50*

**Sigurtà tad-data u protezzjoni tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom ~~jieħdu~~ ⌦ jimplimentaw i ⌫l-miżuri ~~kolla~~ adatti ⌦ tekniċi u organizzazzjonali ⌫ biex jiżguraw is-sigurtà tad-data personali ~~trasmessa~~ ⇨ proċessata skont dan ir-Regolament ⇦ u b'mod partikolari biex ⌦ jimpedixxu ⌫ ~~jiġu evitati~~ l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, l-alterazzjoni jew it-telf ta' data personali ipproċessata.

~~Kull Stat Membru għandu jipprevedi li l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni nominati skont l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jissorveljaw b'mod indipendenti, f'konformità mad-dritt nazzjonali rispettiv tagħhom, il-legalità tal-ipproċessar, skont dan ir-Regolament, tad-data personali mill-Istat Membru inkwistjoni.~~

⇩ ġdid

2. L-awtorità superviżorja jew l-awtorità kompetenti ta’ kull Stat Membru għandha timmonitorja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 47 tal-Istat Membru inkwistjoni, inkluża t-trażmissjoni lejn u mis-sistema awtomatizzata msemmija fl-Artikolu 44(1) u lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-verifiki msemmija fl-Artikolu 40.

3. L-ipproċessar tad-data personali mill-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil** għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti f’ [*Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010*].

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~39~~ 51*

**Kunfidenzjalità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu ~~35~~ 47 ikunu marbutin bir-regoli ta’ kunfidenzjalità previsti fid-dritt nazzjonali, fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.

*Artikolu ~~40~~ 52*

**Penali**

L-Istati Membru għandhom ⌦ jistabbilixxu r-regoli dwar ⌫ ~~jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kull użu ħażin tad-data pproċessata skont dan ir-Regolament tkun punibbli minn~~ penali, inklużi penali amministrattivi u/jew kriminali skont id-dritt nazzjonali, ⇨ applikabbli għall-ksur ta’ dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implementati. Il-penali previsti jridu jkunu ⇦ ~~li huma~~ effettivi, proporzjonali u dissważivi.

*Artikolu ~~41~~ 53*

**Miżuri tranżitorji**

Fejn applikazzjoni kienet iddepożitata wara *[l-ewwel jum tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]* ~~d-data msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 49~~, l-avvenimenti li aktarx jinvolvu r-responsabbilta ta’ Stat Membru taħt dan ir-Regolament għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, ukoll jekk jippreċedu dik id-data~~, ħlief l-avvenimenti msemmija fl-Artikolu 13(2)~~.

---

⇩ ġdid

Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 34(2), matul l-ewwel tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, il-mekkaniżmu ta’ allokazzjoni korrettiva m’għandux jiġi attivat. B’deroga

mill-Artikolu 34(3), wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sakemm tiskadi sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-perjodu ta' riferenza għandu jkun il-perjodu li jkun għadda minn meta jkun daħal fis-seħħ dan ir-Regolament.

---

| ↓ 604/2013 |
|---|

*Artikolu ~~42~~ 54*

**Il-kalkolu taż-żmien limitu**

Kull perijodu ta' żmien preskritt f'dan ir-Regolament għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

(a) fejn perijodu huwa espress f'jiem, ġimgħat jew xhur għandu jkun ikkalkolat mill-mument li fih avveniment jiġri jew azzjoni ssir, il-jum li matulu dak l-avveniment jiġri jew dik l-azzjoni ssir m'għandux jingħadd bħala li jaqa' fil-perijodu inkwestjoni;

(b) perijodu espress f'ġimgħat jew xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum ikun liema jkun fl-aħħar ġimgħa jew xahar li jkun l-istess jum tal-ġimgħa jew jaqa' fl-istess data bħal jum li matulu l-avveniment jew l-azzjoni li minnu l-perijodu għandu jkun ikkolkolat ġara jew saret. Jekk f'perijodu espress f'xhur, il-jum li fih għandu jiskadi ma jkunx jidher fl-aħħar xahar, il-perijodu għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar;

(c) il-limiti ta' żmien għandhom jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel uffiċjali f'kull Stat Membru kkonċernat.

*Artikolu ~~43~~ 55*

**Ambitu territorjali**

Sakemm jikkonċerna r-Repubblika Franċiża, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-territorju Ewropew tagħha.

*Artikolu ~~44~~ 56*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika.

*Artikolu ~~45~~ 57*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikoli ~~8(5)~~ 10(6) u ~~16~~ 18(3) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delegazzjoni tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded taċitament għal perijodu ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ~~8(5)~~ 10(6) u ~~16~~ 18(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni għal revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ~~fi i~~f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

---

| ⬇ 604/2013 (adattat) |
|---|

⌦4. Qabel tadotta att delegat il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. ⌫

---

| ⬇ 604/2013 |
|---|

~~4~~5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

| ⬇ 604/2013 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

~~5~~6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli ~~fl-Artikoli~~ ~~8(5)~~ 10(6) u ~~16~~ 18(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' ⇨ xahrejn ⇦ ~~erba' xhur~~ min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu ~~46~~ 58*

**⌦ Riżeami, ⌫ m~~M~~onitoraġġ u evalwazzjoni**

Sa [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ] u minn hemm 'il quddiem kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-allokazzjoni korrettiv stipulat fil-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari l-limiti massimi stipulati fl-Artikolu 34(2) u fl-Artikolu 43 tiegħu.

Sa~~l-21 ta' Lulju 2016~~⇨ [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ] ⇦, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn hu xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu

lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sal-aktar tard sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien.

Wara li tkun issottomettiet dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-istess żmien li hija tissottometti rapporti dwar l-implimentazzjoni tas-sistema Eurodac li jipprovdi għalihom l-Artikolu ~~40~~ 42 tar-Regolament *[Proposta għal Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) Nru 603/2013]*.

*Artikolu ~~47~~ 59*

**Statistika**

1. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali~~[31], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat), l-istatistika dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

---

⇩ ġdid

2. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha tippubblika kull tliet xhur l-informazzjoni trasmessa skont l-Artikolu 34(4).

---

🡻 604/2013 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~48~~ 60*

**Tħassir**

Ir-Regolament ~~(KE) Nru 343/2003~~ ⌦ **(UE) Nru 604/2013** ⌫ huwa mħassar ⇨ *għall-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament fejn jidħlu l-obbligi tagħhom fir-relazzjonijiet ta' bejniethom* ⇦.

.

~~L-Artikoli 11(1), 13, 14 and 17 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 huma mħassra.~~

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu ~~49~~ 61*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu ~~fl-~~if'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[31] Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

Hu għandu japplika għal applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitati sa mill-[⌦ ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tiegħu ⌫ ] tas-sitt xahar u, minn dik id-data, ikun japplika għal kull talba biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura applikanti, irrespettivament mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet saret . L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issottomessa qabel dik id-data għandu jkun iddeterminat skont il-kriterji ddikjarati fir-Regolament (KE) Nru 343/2003604/2013.

